MT

BANK ĊENTRALI EWROPEW

# OPINJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

**tas-26 t' April, 2006**

**dwar proposta għal direttiva dwar servizzi ta' ħlas fis-suq intern**

**(CON/2006/21)**

## Introduzzjoni u bażi legali

Fid-19 ta' Jannar, 2006, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) irċieva talba mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea għal opinjoni dwar 'Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar servizzi ta' ħlas fis-suq intern u li temenda d-Direttivi 97/7/KE, 2000/12/KE u 2002/65/KE' (COM(2005) 603 finali) (minn issa 'l quddiem id-'direttiva proposta').

Il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 105(4), flimkien mar-raba' inċiż ta' l-Artikolu 105(2), tat-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea, billi d-direttiva proposta tittratta ħidma bażika tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ), jiġifieri li tippromwovi l-operat bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas[1]. Il-kompetenza tal-BĊE hija wkoll bbażata fuq l-Artikolu 105(5) tat-Trattat, li skondu s-SEBĊ tikkontribwixxi għat-twettiq bla xkiel tal-politika segwita mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tas-superviżjoni prudenti ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja. Skond l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 17.5 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Bank Ċentrali Ewropew, il-Kunsill Governattiv adotta din l-opinjoni.

## Osservazzjonijiet Ġenerali

1.1 Id-direttiva proposta hija inizjattiva meħtieġa ferm, billi tistabbilixxi qafas legali komprensiv għal servizzi ta' ħlas fl-UE. Bħalissa, hemm firxa wiesgħa ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tittratta l-ħlasijiet, u li għalhekk tagħmel l-implimentazzjoni taż-Żona Waħdanija għal Ħlas bl-Euro (SEPA) problematika. Għalhekk l-armonizzazzjoni ta' l-obbligi legali nazzjonali għal ħlasijiet, tassisti l-industrija tal-kummerċ bankarju fl-isforzi tagħha biex tistabbilixxi s-SEPA. Barra minn dan, l-introduzzjoni tal-kunċett ta' 'istituzzjonijiet ta' ħlas' għandha twassal għall-armonizzazzjoni tar-regoli ta' aċċess tas-suq għal servizzi ta' ħlas. Madankollu, biex wieħed jisfrutta bis-sħiħ il-vantaġġi ta' leġiżlazzjoni armonizzata, għandha tingħata attenzjoni għall-allinjament ta' l-iskop

---

1 Barra minn dan, il-kompetenza tal-BĊE li jagħti opinjoni hija bbażata fuq l-Artikolu 22 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew dwar il-ħidmiet tal-BĊE u tal-banek ċentrali nazzjonali biex, *inter alia*, jiżguraw sistemi ta' ikklerjar u ħlas effiċjenti u validi ġewwa l-Komunità u ma' pajjiżi oħra.

tad-direttiva proposta u dak tad-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi[2], partikolarment għandu jiġi kkunsidrat il-bżonn li ssir distinzjoni bejn servizzi ta' ħlas bbażati fuq kontijiet ta' ħlas, u servizzi ta' ħlas ta' flus elettroniċi bbażati fuq kontabilità ċċentralizzata. Imma jekk l-adozzjoni tad-direttiva proposta tiddewwem, l-introduzzjoni ta' skemi nazzjonali li jikkonformaw mas-SEPA fl-1 ta' Jannar, 2008, u t-tibdil sħiħ ta' dawn sa l-2010 jistgħu jkunu f'riskju. F'dan ir-rigward, it-Titoli III u IV tad-direttiva proposta huma kruċjali billi jintroduċu sett armonizzat ta' regoli dwar obbligi ta' informazzjoni, awtorizzazzjoni, eżekuzzjoni u responsabbiltà fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas. Jidher li l-politika u l-kwistjonijiet legali f'dawn it-Titoli tad-direttiva proposta jistgħu jissolvew fi żmien relattivament qasir. Jekk in-negozjati jittawlu, tista' tiġi kkunsidrata l-għażla li jinqalgħu 'l barra ċerti partijiet tad-direttiva proposta billi l-adozzjoni tal-partijiet meħtieġa għall-implimentazzjoni b'suċċess tas-SEPA tingħata prijorità.

1.2 Madankollu, ċerti aspetti tad-direttiva proposta jqajmu numru ta' preokkupazzjonijiet li huma spjegati f'aktar dettal hawn isfel.

**Osservazzjonijiet speċifiċi**

2 *L-attività ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas*

2.1 L-introduzzjoni ta' kunċett ġdid ta' 'istituzzjonijiet ta' ħlas' huwa pass lejn l-armonizzazzjoni tad-diversita` li teżisti bħalissa fil-metodi skond il-liġi nazzjonali fir-rigward tar-regolazzjoni ta' entitajiet li jipprovdu servizzi ta' ħlas mingħajr ma jkunu xi istituzzjoni ta' kreditu, xi istituzzjoni ta' flus elettroniċi jew xi istituzzjoni ġiro ta' l-uffiċċju postali. Madankollu, id-direttiva proposta mhijiex ċara fir-rigward tat-tip ta' attivitajiet li dawn l-istituzzjonijiet ta' ħlas jistgħu jwettqu. Skond id-direttiva proposta, l-istituzzjonijiet ta' ħlas jistgħu jirċievu fondi mill-pubbliku għall-għoti ta' servizzi ta' ħlas. Madankollu, dawn il-fondi m'għandhomx ikunu depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura fit-tifsira ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva kkonsolidata dwar il-Kummerċ Bankarju[3], jew flus elettroniċi kif iddefiniti fl-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi (ara l-Artikolu 10(1) tad-direttiva proposta).

2.2 F'dan ir-rigward, l-għażla ta' kliem tad-direttiva proposta ma jagħmilhiex ċara jekk l-istituzzjonijiet ta' ħlas jistgħux iżommu fondi li għandhom karatteristiċi ekonomiċi u legali simili għal depożiti jew flus elettroniċi. Il-ħila ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas biex jipprovdu kontijiet ta' ħlas timplika li l-istituzzjonijiet ta' ħlas jistgħu jżommu fondi għal perijodu itwal milli huwa meħtieġ biex jiffinalizzaw xi tranżazzjoni ta' ħlas. Din hija kwistjoni ta' tħassib, billi l-Artikolu 65(4) tad-direttiva proposta jirreferi għal 'kontijiet ta' ħlas' mingħajr ma jispjega fejn jinżammu dawn il-

---

2 Id-Direttiva 2000/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Settembru, 2000, dwar il-bidu, is-segwiment u s-superviżjoni prudenti tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi (ĠU L 275, 27.10.2000, pġ. 39).

3 Id-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu, 2000, dwar il-bidu u s-segwiment tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 126, 26.5.2000, pġ. 1). Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/29/KE (ĠU L 70, 9.3.2006, pġ. 50).

kontijiet u għal liema raġuni. Madankollu, il-premessi 8 u 9 tad-direttiva proposta jgħidu li l-istituzzjonijiet ta' ħlas ma jistgħux jieħdu depożiti. Dawn il-punti huma elaborati aktar hawn taħt.

2.3 Huwa nnutat ukoll li skond il-paragrafu 4 ta' l-Anness mad-direttiva proposta, l-istituzzjonijiet ta' ħlas jistgħu jeżegwixxu tranżazzjonijiet ta' ħlas jekk il-fondi huma koperti minn linja ta' kreditu mingħajr ma jkun hemm ebda restrizzjoni fuq il-ħila li jagħtu kreditu. kemm għal dak li għandu x'jaqsam ma' l-ammont u/jew mal-maturità tal-kreditu.

## 3 *Depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura*

3.1 Fir-rigward taż-żamma ta' depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura, għandu jiġi mfakkar li l-Artikolu 3 tad-Direttiva kkonsolidata dwar il-Kummerċ Bankarju tipprojbixxi impriżi, barra minn istituzzjonijiet ta' kreditu, milli jwettqu n-negozju li jieħdu depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura mill-pubbliku. Filwaqt li d-Direttiva kkonsolidata dwar il-Kummerċ Bankarju ma tagħtix definizzjoni ta' teħid ta' depożiti, il-kunċett ta' 'depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura' skond dik id-Direttiva ġie interpretat b'mod wiesa' mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej, li nnutat li 't-terminu "fondi oħra li jitħallsu lura" [...] tirreferi mhux biss għal strumenti finanzjarji li għandhom il-karatteristika intrinsika tar-rimborż (*repayability*), imma wkoll għal dawk li, għalkemm ma jkollhomx dik il-karatteristika, huma s-suġġett għal ftehim kuntrattwali biex jirrimburżaw lura l-fondi mħallsa'[4]. Mhuwiex importanti jekk dawn il-fondi jingħatawx fil-forma ta' depożiti jew f'forom oħra, bħal 'il-ħruġ kontinwu ta' bonds u titoli oħra kumparabbli'[5], kif imsemmi fil-prekursur tad-Direttiva kkonsolidata dwar il-Kummerċ Bankarju. B'hekk, 'ir-riċevimenti kollha ta' flejjes jistgħu jammontaw għal kummerċ ta' teħid ta' depożiti (fis-sens usa') jekk jinvolvu l-ħlas lura tal-flejjes riċevuti. M'huwiex importanti f'dan ir-rigward jekk l-obbligu ta' ħlas lura jkunx jeżisti diġà fil-ħin li l-fondi huma riċevuti (u jekk jikkostitwixxix element "essenzjali" ta' dik it-tranżazzjoni), jew jekk dan l-obbligu jqumx biss bħala riżultat ta' l-istabbilment ta' jedd kuntrattwali'[6]. Interpretazzjoni xierqa ta' teħid ta' depożiti 'jkollha tkun iggwidata bil-kwistjoni tal-firxa tat-tifdil biex jiġu protetti u l-interpretazzjoni tal-karatteristiċi tal-"kummerċ ta' kreditu" fid-dawl tar-riskji kkunsidrati bħala sinifikanti fil-kuntest tal-protezzjoni ta' l-irkupru tad-depożiti. Ir-riżultat huwa tendenza lejn interpretazzjoni wiesgħa kemm tal-kummerċ ta' teħid ta' depożiti u kemm tal-kummerċ ta' kreditu'[7].

3.2 Minħabba dan t'hawn fuq, jidher li l-istituzzjonijiet ta' kreditu fil-fatt jirċievu depożiti mill-klijenti tagħhom. Jekk dan huwa l-każ, allura, bħala kwistjoni ġenerali, jekk l-istituzzjoni ta' ħlas ssir

---

4 Ara l-paragrafu 17 tas-Sentenza tal-11 ta' Frar, 1999, fil-Każ 366/97 *Massimo Romanelli* [1999] ECR I-855.

5 Premessa 5 ta' l-ewwel Direttiva tal-Kunsill 77/780/KEE tat-12 ta' Diċembru, 1977, dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi relatati mal-bidu u s-segwiment tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 322, 17.12.1977, pġ. 30). Id-Direttiva rrevokata bid-Direttiva 2000/12/KE.

6 Ara Alexander Bornemann, 'Verżjoni Qasira ta' l-Opinjoni dwar il-Kunċett ta' l-Istituzzjoni ta' Kreditu fid-Direttivi tal-Komunita` Ewropea Relatati mar-Regolazzjoni u s-Superviżjoni tal-Banek', pġ. 11. Tinsab bħalha PDF file f': <http://www.money-advice.net/media.php?id=234>

7 *Ibid.*

insolventi, kwalunkwe fondi li tkun żammet fil-mument ta' l-insolvenza jagħmlu parti mill-ġid tagħha, u għalhekk ikunu disponibbli biex jissodisfaw il-pretensjonijiet tal-kredituri kollha tagħha. L-attività li wieħed jirċievi depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura hija fil-qalba tal-kunċett tal-kummerċ bankarju nnifsu, kif inhu ċar fid-definizzjoni ta' 'istituzzjoni ta' kreditu' stabbilita fl-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva kkonsolidata dwar il-Kummerċ Bankarju[8]. It-tibdil tal-kunċett fundamentali tal-kummerċ bankarju jeħtieġ kunsiderazzjoni bir-reqqa mill-perspettivi tal-politika monetarja, tal-validità u s-sigurtà tas-sistemi ta' ħlas, ta' l-istabbiltà finanzjara u ta' l-istatistika, kollha kemm huma huma kwistjonijiet li dwarhom is-SEBĊ għandha kompetenzi estensivi. L-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas inevitabbilment jinkludu ż-żamma ta' fondi tal-pubbliku, anke jekk għal perijodu ta' żmien limitat. Kwistjonijiet dwar il-protezzjoni tal-konsumatur u dwar l-istabbiltà finanzjarja għandhom għalhekk jiġu kkunsidrati meta wieħed jistabbilixxi obbligi u protezzjonijiet superviżorji għal dawn l-attivitajiet.

4 *Obbligi superviżorji*

4.1 Kollox ma' kollox, id-direttiva proposta tħalli lill-istituzzjonijiet ta' ħlas biex joperaw taħt reġim superviżorju inqas rigoruż minn dak applikabbli taħt id-Direttiva kkonsolidata dwar il-Kummerċ Bankarju. Minbarra l-proċedura ta' awtorizzazzjoni bbażata fuq obbligi kwalitattivi, l-istituzzjonijiet ta' ħlas ikollhom jikkonformaw ma' qafas regolatorju, li jkun: (i) prinċipalment ibbażat fuq numru ta' obbligi ġenerali ta' informazzjoni; u (ii) ma jinkludix obbligi kapitali kontra riskji li jistgħu jkunu kkwantifikati (ara l-Artikolu 5 tad-direttiva proposta). Ir-reġim superviżorju inqas rigoruż iqajjem xi kwistjonijiet, li huma enfasizzati bil-fatt li d-direttiva proposta tippreskrivi armonizzazzjoni sħiħa (ara l-Artikolu 78 tad-direttiva proposta) f'kuntrast mal-metodu regolatorju segwit f'leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità li tirregola l-bidu u s-segwiment tan-negozju ta' l-għoti ta' servizzi finanzjarji.

4.2 Il-BĊE huwa tal-fehma li hemm skop għal titjib fit-trattament regolatorju ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas skond id-direttiva proposta, fi tliet oqsma prinċipali. L-ewwel, id-distinzjoni mhux ċara bejn l-istituzzjonijiet ta' ħlas u l-fornituri oħra ta' servizzi ta' ħlas tagħmilha diffiċli ħafna biex jiġu evalwati r-riskji u l-protezzjonijiet relatati. Dan huwa l-każ mhux biss jekk u sa kemm l-istituzzjonijiet ta' ħlas jistgħu jżommu fondi li huma diffiċli biex jiddistingwixxu minn depożiti, imma wkoll fir-rigward tal-ħila tagħhom biex jagħtu kreditu ffinanzjat minn flus riċevuti mill-pubbliku (ara l-paragrafu 4 ta' l-Anness mad-direttiva proposta). It-tieni, id-direttiva proposta ma tindirizzax il-kategoriji differenti ta' riskji assoċjati mas-servizzi ta' ħlas. F'dan ir-rigward, ta' min ifakkar li s-servizzi ta' ħlas imwettqa mill-istituzzjonijiet ta' kreditu jsiru suġġetti għal obbligi kapitali speċifiċi bħala riżultat tar-riskju operattiv assoċjat ma' dawk is-servizzi[9]. It-tielet, wieħed

8 L-Artikolu 1(1)(a) jgħid li 'istituzzjoni ta' kreditu għandha tfisser impriża li n-negozju tagħha huwa li tirċievi depożiti jew fondi oħra li jitħallsu lura mill-pubbliku u li tagħti krediti għall-kont tagħha nnifisha'.

9 Ara Part 2 ta' l-Anness X ma' 'Proposta għal Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Rifużjoni tad-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu, 2000, dwar il-bidu u s-segwiment tan-negozju ta' l-

jista' jargumenta wkoll li l-proċedura ta' awtorizzazzjonżi stabbilita fid-direttiva proposta hija bbażata fuq kriterji li jħallu wisq lok għal interpretazzjonijiet differenti fuq livell nazzjonali. L-Istati Membri jistgħu jirrinunzjaw ukoll xi wħud mill-obbligi ta' awtorizzazzjoni skond ċerti ċirkustanzi[10].

4.3 Minħabba dawn il-kunsiderazzjonijiet, jidher li hemm diskrepanza fid-direttiva proposta bejn l-iskop ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas u l-qafas prudenti li fih dawn l-attivitajiet għandhom jitwettqu. Ladarba l-iskop attwali ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas jiġi ċċarat, l-impożizzjoni ta' obbligi kapitali adegwati u/jew protezzjonijiet oħra simili (e.ż. obbligi kapitali inizjali, garanziji) għandhom jiġu kkunsidrati fuq il-bażi ta' evalwazzjoni tar-riskji relatati.

4.4 In-nuqqas ta' obbligi kapitali għall-istituzzjonijiet ta' ħlas potenzjalment jista' jipprovdi skop għal *arbitrage* superviżorju. Irrispettivament ta' jekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jwettqux in-negozju ta' ħlas tagħhom direttament jew permezz ta' sussidjarji li jikkwalifikaw bħala istituzzjonijiet ta' ħlas, huma jkunu suġġetti għal superviżjoni fuq bażi kkonsolidata għal riskji operattivi kif ukoll għal riskji ta' kreditu. Bil-maqlub, l-istituzzjonijiet ta' ħlas *stand-alone* jew l-istituzzjonijiet ta' ħlas li mhumiex parti minn xi grupp bankarju ma jkunux suġġetti għal kwalunkwe obbligi kapitali minkejja li jwettqu l-istess negozju.

4.5 Barra minn dan, id-direttiva proposta ġeneralment mhijiex ċara fir-rigward tar-responsabbiltajiet rispettivi ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri *home* u *host*. Eżempju wieħed ta' dan huwa t-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 6 tad-direttiva proposta, li jirregola l-għoti ta' passaporti Ewropej lill-istituzzjonijiet ta' ħlas mingħajr ma jagħmilha ċara liema awtorita` kompetenti ta' liema Stat Membru tkun inkarigata biex tirregola dwan l-istituzzjonijiet ta' ħlas. Ikun ta' benefiċċju jekk wieħed jikkunsidra dawn il-kwistjonijiet b'aktar reqqa.

4.6 Fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 15 tad-direttiva proposta, il-kompetenzi tas-SEBĊ u tal-banek ċentrali nazzjonali fir-rigward ta' l-operat bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas u, f'dawk l-Istati Membri fejn applikabbli, il-kompetenzi tal-banek ċentrali nazzjonali fil-qasam tas-superviżjoni għandhom ikunu rispettati kif jixraq.

4.7 Is-setgħat regolatorji ta' l-awtoritajiet kompetenti skond l-Artikolu 16 tad-direttiva proposta jistgħu jiġu ċċarati f'numru ta' aspetti. L-ewwel, l-iskop ta' 'spezzjonijiet fil-post (*on-site*)' (l-Artikolu 16(b)) jista' jkun aktar speċifikat b'mod preċiż. It-tieni, it-tifsira eżatta tas-setgħa biex jiġu mposti 'penali pproporzjonati' (l-Artikolu 16(d)) tista' tiġi ċċarata. It-tielet, il-kundizzjonijiet għas-sospensjoni u l-irtirar ta' xi awtorizzazzjoni (l-Artikolu 16(e)) jistgħu jiġu ddefiniti, possibbilment permezz ta' dispożizzjoni separata. Sabiex jingħataw opportunitajiet ugwali biżżejjed lil kulħadd ġewwa ż-żona Ewropea u jintlaħaq livell suffiċjenti ta' effiċjenza fis-superviżjoni ta' l-istituzzjonijiet li jibbenefikaw mill-istabbilment ħieles u mill-għoti ħieles ta' servizzi, l-Artikolu 16

---

istituzzjonijiet ta' kreditu u d-Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE tal-15 ta' Marzu, 1993, dwar l-adegwatezza tal-kapital ta' ditti ta' investiment u ta' istituzzjonijiet ta' kreditu' (COM(2004) 486 finali).

10 Il-kundizzjonijiet għad-derogi rilevanti biex jiġu applikati huma stabbiliti fl-Artikolu 21 tad-direttiva proposta.

tad-direttiva proposta għandu jiġi emendat biex jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti kollha għandhom is-setgħat kollha mogħtija minn dan l-Artikolu, partikolarment il-ħiliet superviżorji u ta' infurzar.

4.8 L-Artikolu 19 tad-direttiva proposta jipprovdi għall-Istati Membri biex jippermettu skambji ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti tagħhom, il-banek ċentrali, is-SEBĊ u l-BĊE. Waqt li din id-dispożizzjoni hija, fil-prinċipju, milqugħa, huwa ssuġġerit li jekk l-awtorita` kompetenti hija xi entita` oħra u mhux il-bank ċentrali, u dan ta' l-aħħar huwa wkoll ir-regolatur tas-sistema ta' ħlas, din għandha tkun ikkumplimentata b'dispożizzjonijiet oħra li jistipulaw li: (i) qabel ma tingħata jew tiġi sospiża/rtirata xi liċenzja, l-awtorita` kompetenti għandha tikkonsulta mal-bank ċentrali rilevanti; u (ii) l-awtoritajiet kompetenti huma obbligati biex jaqsmu l-informazzjoni mal-bank ċentrali rilevanti. Dawn id-dispożizzjonijiet ikunu ta' benefiċċju, meta wieħed jikkunsidra r-responsabbilta` totali tal-banek ċentrali fil-qasam tal-ħlasijiet.

5 *Liċenżja ta' kummerċ bankarju jew ta' flus elettroniċi*

5.1 Jekk l-istituzzjonijiet ta' ħlas jitħallew iżommu fondi li kemm f'sens ekonomiku u legali jikkwalifikaw bħala depożiti, minkejja li kunċettwalment mhumiex ikkaratterizzati hekk skond id-direttiva proposta, il-livell ta' riskju jkun daqs dak ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu jew ta' flus elettroniċi. Għaldaqstant, il-livell ta' protezzjonijiet għandu jkun l-istess daqs dak applikat għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u/jew ta' flus elettroniċi. Għalhekk, is-servizzi ta' ħlas preferibbilment għandhom ikunu ristretti għall-istituzzjonijiet ta' kreditu jew ta' flus elettroniċi. Dan jiżgura l-protezzjoni xierqa tal-fondi tal-klijenti u attivita` finanzjarja soda, u għalhekk huwa l-metodu li l-BĊE jippreferi.

5.2 Jekk il-livell ta' protezzjonijiet imposti fuq l-istituzzjonijiet ta' kreditu u/jew ta' flus elettroniċi huwa wkoll stabbilit għall-istituzzjonijiet ta' ħlas, allura t-Titolu II tad-direttiva proposta jkollu jiġi abbozzat mill-ġdid b'mod radikali.

6 *Restrizzjoni dwar l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas*

6.1 Jekk tiġi ntrodotta l-kategorija ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas irregolati b'mod anqas rigoruż kif propost mill-Kummissjoni, id-direttiva proposta għandha tkun emendata biex tagħmilha ċara li l-istituzzjonijiet ta' ħlas m'għandhomx jitħallew iżommu l-fondi ta' utenti ta' servizzi ta' ħlas għal aktar mill-perijodu ta' żmien limitat li matulu jkunu qed jiġu ttrasferiti minn min iħallas għal min jitħallas, lanqas m'għandhom jitħallew biex jinvestu mill-ġdid dawk il-fondi. L-għażla ta' kliem preżenti ta' l-Artikolu 10(2) tad-direttiva proposta jista' jwassal inkella għall-konklużjoni li l-ftuħ tal-kontijiet mill-istituzzjonijiet ta' ħlas fil-kotba tagħhom jimplika li l-fondi riċevuti jistgħu jiġu investiti mill-ġdid għall-benefiċċju ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas. Kjarifikazzjoni bħal din tista' tintlaħaq, per eżempju, billi jiġu ristretti l-attivitajiet ta' servizzi ta' ħlas lil dawk speċifikati fil-paragrafu 7 ta' l-Anness mad-direttiva proposta. L-attivita` speċifikata fil-paragrafu 5 ta' l-Anness

tista' wkoll tiġi attribwita lill-istituzzjonijiet ta' ħlas sakemm, madankollu, jiġi ċċarat li l-attivita` tal-ħruġ ta' kards hija marbuta ma' l-obbligu biex il-kont ta' min ikollu l-kard jinżamm ma' l-istituzzjoni ta' kreditu. Barra minn dan, l-istituzzjonijiet ta' ħlas m'għandhomx jitħallew jagħtu kreditu skond il-paragrafu 4 ta' l-Anness mad-direttiva proposta.

6.2 Barra minn dan, biex tiġi evitatata kwalunkwe interpretazzjoni diverġenti, jaf ikun ta' siwi li jiġu indikati liema servizzi jistgħu jkunu offruti minn liema tip ta' istituzzjoni, bil-ġbir flimkien tal-paragrafi kollha ta' l-Anness mad-direttiva proposta kif ġej: (i) il-paragrafi 1-7: l-istituzzjonijiet ta' kreditu; (ii) il-paragrafi 1-3 u 5-7: l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi; u (iii) il-paragrafu 7: l-istituzzjonijiet ta' ħlas. Barra minn dan, kif imsemmi hawn fuq, l-attivita` speċifikata fil-paragrafu 5 ta' l-Anness possibbilment tista' tiġi kkunsidrata wkoll bħala attivita` pprovduta mill-istituzzjonijiet ta' ħlas[11]. L-istess jista' jingħad għall-attivita` speċifikata fil-paragrafu 4 ta' l-Anness, jekk jiġi żgurat li l-fondi riċevuti minn utenti ta' servizzi ta' ħlas biex jipprovdu servizzi ta' ħlas ma jistgħux jintużaw biex jiġi estiż l-għoti ta' kreditu lil utenti oħra ta' servizz ta' ħlas.

6.3 Protezzjonijiet minimi oħra jistgħu jiġu kkunsidrati biex jipproteġu l-fondi ta' l-utenti ta' servizzi ta' ħlas. Per eżempju, fil-kuntest ta' ċerti arranġamenti speċifiċi ta' ikklerjar ta' *futures*, flus kontanti imqiegħda minn klijenti ma' sensara ta' ikklerjar ta' *futures* huma interpretati skond il-liġijiet ta' ċerti Stati Membri (e.ż. il-Ġermanja u r-Renju Unit) u ta' l-Istati Uniti bħala l-proprjetà tal-klijent aktar milli bħala depożitu ta' flus kontanti. Dan il-ftehim ħafna drabi huwa pprovdut minn leġiżlazzjoni speċifika jew ikkonfermat minn każistika. Mingħajr ma wieħed jindirizza n-natura proprjetarja ta' dawn il-flus kontanti, li taf tqajjem diffikultajiet skond il-liġijiet ta' xi Stati Membri, għażla waħda tkun biex jiġu żviluppati l-protezzjonijiet misjuba fl-Artikolu 10(2) tad-direttiva proposta li jobbligaw lill-istituzzjonijiet ta' ħlas biex iżommu l-fondi ta' l-utenti ta' servizzi ta' ħlas separati fil-kotba tagħhom. Dan jista' jsir billi d-direttiva proposta tiġi emendata biex tiżgura li aktar obbligi espliċiti huma mposti fuq istituzzjonijiet ta' ħlas kif ġej: (i) biex jassenjaw fondi aċċettati għal tranżazzjonijiet speċifiċi; (ii) biex jifirdu fondi aċċcettati għal xi tranżazzjoni ta' ħlas minn fondi oħra aċċettati għal attivitajiet minbarra servizzi ta' ħlas, u jirreġistrawhom separatament fil-kotba ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas; (iii) biex iżommu l-fondi ta' l-utenti ta' servizzi ta' ħlas f'isem ta' kont li jidentifikahom b'mod ċar li huma tali fondi; (iv) biex ma jħalltux flimkien il-fondi ta' l-utenti ta' servizz ta' ħlas mal-fondi ta' min jagħti servizz ta' ħlas jew ta' xi utent ieħor ta' servizz ta' ħlas jew ta' persuna oħra; (v) biex jiżolaw il-fondi ta' l-utenti ta' servizzi ta' ħlas minn kwalunkwe azzjoni ta' terza persuna kontra l-istituzzjoni ta' ħlas; (vi) jekk xi istituzzjoni ta' ħlas issir insolventi, biex jirritornaw il-fondi ta' l-utenti ta' servizzi ta' ħlas minnufih u f'prijorita` għall-pretensjonijiet l-oħra kollha; u (vii) meta ma jkunx hemm fondi biżżejjed għall-bgħit lill-utenti ta' servizzi ta' ħlas ta' xi istituzzjoni ta' ħlas insolventi, biex

11 Huwa nnutat li l-ġbir flimkien mill-ġdid ma jikkunsidrax l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ġiro ta' l-uffiċċju postali billi l-liċenzjament ta' dawn, u għaldaqstant it-tip ta' attivitajiet li huma jistgħu jidħlu għalihom, huma rregolati mil-liġijiet nazzjonali ta' l-Istati Membri.

jiddistribwixxu l-bqija tal-fondi lill-utenti ta' servizzi ta' ħlas fuq bażi *pro rata* skond l-ammont prinċipali tal-pretensjonijiet rispettivi tagħhom.

6.4 Barra minn dan, ir-referenza fl-Artikolu 10(1)(b) tad-direttiva proposta għal servizzi anċillari bħal 'il-garanzija ta' l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas' teħtieġ aktar spjegazzjoni, biex jiġi ċċarat li dawn is-servizzi huma biss għall-benefiċċju ta' l-utenti ta' servizzi ta' ħlas li jieħdu sehem fit-tranżazzjoni.

6.5 Finalment, l-Artikolu 10(3) tad-direttiva proposta jgħid li l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas m'għandhomx ikunu restritti għall-għoti ta' servizzi ta' ħlas salv il-liġi nazzjonali u dik tal-Komunità applikabbli. Dan jimplika li l-firxa ta' l-attivitajiet ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas tista' tmur lil hinn minn dawk imniżżla fl-Anness mad-direttiva proposta, li tagħti lok għal żewġ problemi. L-ewwel, id-direttiva proposta ma tniżżilx it-tipi kollha ta' attivitajiet permessi. Evalwazzjoni sħiħa ta' dawn l-attivitajiet mill-aspett tal-protezzjoni tal-konsumatur u ta' l-istabbilta` finanzjarja tista' ssir biss jekk l-attivitajiet kollha possibbli huma magħrufa. It-tieni, jekk dawn l-attivitajiet huma bbażati skond il-liġi nazzjonali, allura l-iskop tad-direttiva proposta, jiġifieri li tiżgura armonizzazzjoni sħiħa, ma jintlaħaqx. Għal dawn ir-raġunijiet, l-Artikolu 10(3) tad-direttiva proposta għandu jiġi rrevokat.

7 *Twaqqif tas-SEPA*

7.1 L-industrija tal-kummerċ bankarju bħalissa qed taħdem b'mod intensiv dwar servizzi li jissodisfaw it-talbiet tas-SEPA. Sa mill-1 ta' Jannar, 2008, l-industrija taħseb biex toffri strumenti ta' ħlas pan-Ewropej liċ-ċittadini, awtoritajiet u impriżi kummerċjali għal ħlasijiet kemm nazzjonali kif ukoll internazzjonali. Madankollu, it-twaqqif tas-SEPA jista' jkun problematiku fil-qafas legali preżenti tal-Komunità, meta wieħed jikkunsidra d-diversita` ta' leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli. L-armonizzazzjoni tal-qafas legali għal ħlasijiet huwa għalhekk importanti, billi tassisti l-industrija tal-kummerċ bankarju fl-isforzi tagħha biex tistabbilixxi s-SEPA. Il-partijiet rilevanti tas-SEPA tad-direttiva proposta (il-biċċa l-kbira t-Titoli III u IV) jidhru li huma anqas kontroversjali mit-Titolu II. Jekk l-adozzjoni tad-direttiva proposta tiddewwem minħabba l-ambigwitajiet deskritti hawn fuq, l-implimentazzjoni tas-SEPA tista' tiddewwem ukoll. Sabiex wieħed jevita dan id-dewmien, għalhekk ikun ta' benefiċċju jekk it-Titolu II jinqala' 'il barra mid-direttiva proposta. Madankollu, dan il-'qlugħ 'il barra' għandu jkun jiddependi fuq il-kundizzjoni illi l-istituzzjonijiet ta' ħlas ikunu suġġetti għal leġiżlazzjoni tal-Komunità separata fil-ħin propizju. F'dan ir-rigward, jagħmel sens li r-rwol ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas jista' jiġi diskuss fil-kuntest tar-reviżjoni ppjanata tad-Direttiva dwar il-Flus Elettroniċi sabiex jintlaħaq qafas regolatorju u superviżorju konsistenti għal kategoriji differenti ta' min jagħti servizz ta' ħlas.

7.2 Possibbilta` oħra tista' tkun li l-Kunsill Governattiv tal-BĊE jadotta regolament tal-BĊE skond l-Artikolu 105(2) tat-Trattat u l-Artikolu 22 ta' l-Istatut, li jkun jirregola d-dispożizzjonijiet speċifiċi relatati mas-SEPA tad-direttiva proposta li jaqgħu fl-oqsma tal-kompetenza tas-SEBĊ, filwaqt li

huwa rikonoxxut, li madankollu mhux id-dispożizzjonijiet kollha li jiffaċilitaw is-SEPA jistgħu jiġu adottati skond dan il-bażi.

7.3 Kwistjoni speċifika relatata mas-SEPA tittratta l-itwal ħin ta' eżekuzzjoni ta' 'D+1', kif stabbilit fl-Artikolu 60(1) u l-Artikolu 61(1) tad-direttiva proposta. Huwa mistenni li l-maġġoranza tal-persuni li jagħtu servizzi ta' ħlas ikunu jistgħu jissodisfaw dan l-obbligu sa' l-1 ta' Jannar 2010. Madankollu, wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-industrija ma ġietx ikkonsultata dwar il-konsegwenzi ta' l-obbligu D+1, u li xi komunitajiet bankarji jista' jkollhom diffikultajiet biex jikkonformaw fil-ħin.

8 *Eżenzjoni tal-banek ċentrali*

L-aħħar inċiż ta' l-Artikolu 1 tad-direttiva proposta jistabbilixxi li banek ċentrali li jaġixxu ta' awtoritajiet monetarji u pubbliċi li jipprovdu servizzi ta' ħlas mhumiex ikkunsidrati bħala persuni li jagħtu servizz ta' ħlas. Sabiex jitneħħew xi ambigwitajiet possibbli dwar it-tifsira ta' din id-dispożizzjoni, ikun ta' għajnuna jekk jiġi ċċarat li l-attivitajiet kollha mwettqa mill-banek ċentali huma eżenti mid-direttiva proposta, flok li tiġi introdotta l-kundizzjoni mhux ċara li din l-eżenzjoni għandha tapplika biss għall-għoti ta' servizzi ta' ħlas mill-banek ċentrali li jaġixxu bħala awtoritajiet monetarji jew pubbliċi. Eżenzjoni bħal din m'għandhiex tippreġudika l-istqarrija tal-politika tal-BĊE ta' l-4 t'Awwissu, 2005, fir-rigward ta' l-għoti ta' servizzi ta' ħlas bl-imnut f'euro mill-banek ċentrali lill-istituzzjonijiet ta' kreditu[12], liema stqarrija tgħid li sabiex jiġi evitat xi xkiel fil-kompetizzjoni jew xi dikonġestjoni ta' inizjattivi tas-suq, il-banek ċentrali nazzjonali li joffru servizzi ta' ħlas bl-imnut lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jikkunsidraw kif jixraq l-obbligi u l-ambjent kompetittiv tas-suq partikolari, inkluż l-irkupru ta' l-ispejjeż. Kif inhi bħalissa, din id-dispożizzjoni x'aktarx twassal għal implimentazzjoni diverġenti fl-Istati Membri, b'hekk tinħoloq konfużjoni mhux neċessarja kemm għall-banek ċentrali, kif ukoll għall-parteċipanti tas-swieq finanzjarji.

9 *L-operat u l-aċċess ta' sistemi ta' ħlas*

9.1 Id-direttiva proposta għandha tagħmilha ċara li l-operaturi tas-sistemi ta' ħlas ikunu intitolati biex jiddifferenzjaw bejn tipi differenti ta' min jagħti servizz ta' ħlas fir-rigward tal-kundizzjonijiet biex jiġu sodisfatti qabel ma dan ta' l-aħħar ikun jista' jakkwista aċċess għas-sistemi ta' ħlas. Dan għandu jintlaħaq minħabba raġunijiet oġġettivi, bil-għan li jiġu kkontrollati r-riskji assoċjati ma' persuni li jagħtu servizzi ta' ħlas. Barra min dan, l-iskop ta' l-Artikolu 23(1) tad-direttiva proposta għandu jkun ristrett biex jiżgura l-aċċess b'mod ugwali ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas għal sistemi ta' ħlas. Għaldaqstant l-Artikolu 23(1) tad-direttiva proposta għandu jiġi emendat.

12 Tinsab fuq il-*website* tal-BĊE f'www.ecb.int

9.2 Huwa mifhum li l-ħsieb ta' l-Artikolu 23(2) tad-direttiva proposta huwa li jeżenta s-sistemi indikati fid-Direttiva dwar il-Finalita` tal-Ħlas[13] mill-kundizzjonijiet ta' aċċess skond l-Artikolu 23(1). Madankollu, l-għażla ta' kliem mhijiex ċara biżżejjed f'dan ir-rigward, u hija ssuġġerita eżenzjoni aktar diretta.

9.3 Barra minn dan, id-direttiva proposta għandha tagħmilha ċara li l-għoti ta' servizzi ta' kklerjar u ta' ħlas huwa suġġett għal standards regolatorji stabbiliti mill-Ewrosistema, skond l-Artikolu 105(2) tat-Trattat. Dan jista' jintlaħaq, per eżempju, billi għal din ir-raġuni jiġu emendati l-premessa 12 tad-direttiva proposta, u l-Artikolu 23(2). F'dan ir-rigward, l-Ewrosistema, b'konnessjoni mal-ħidma tagħha li tippromwovi l-operat bla xkiel tas-sistemi ta' ħlas taż-żona ta' l-euro, tikkunsidra jekk il-parteċipazzjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas f'sistemi ta' ħlas hijiex żgura biżżejjed u li ma timplikax riskji eżaġerati għall-istabbilta` tas-sistema finanzjarja.

9.4 Finalment, l-Artikolu 10(1)(ċ) tad-direttiva proposta jagħti lill-istituzzjonijiet ta' ħlas dritt espliċitu biex joperaw sistemi ta' ħlas. Billi l-leġiżlazzjoni tal-Komunità bħalissa la tiddefinixxi l-kunċett ta' 'operatur ta' sistema ta' ħlas' u lanqas ma tirregola n-natura legali ta' dawn l-operaturi, m'hemm l-ebda bżonn li jiddaħħal id-dritt ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas (jew kwalunkwe kategorija oħra ta' persuna li tagħti servizzi ta' ħlas irregolata mid-direttiva proposta) biex joperaw sistemi ta' ħlas. Fuq l-istess nota, ir-referenza għal 'tħaddim ta' sistemi ta' ħlas' fit-titolu u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 23 tad-direttiva proposta għandhom jiġu rrevokati.

10 *Kumitat tal-Ħlasijiet*

Skond l-Artikolu 76 tad-direttiva proposta, il-Kummissjoni tista' temenda l-lista ta' servizzi ta' ħlas fl-Anness, assistita skond l-Artikolu 77 minn Kumitat tal-Ħlasijiet kompost minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. Meta wieħed jikkunsidra l-importanza tal-lista, u l-influwenza li xi emenda jista' jkollha fuq is-suq tal-flus, il-mandat tal-Kumitat tal-Ħlasijiet m'għandux ikun ambigwu, u għandu jevita kwalunkwe kunflitt mal-kompetenzi ta' l-Ewrosistema kif stabbilit skond it-Trattat u l-Istatut. Minħabba l-kompetenzi speċifiċi tal-BĊE f'dan il-qasam, il-BĊE għandu jkun irrappreżentat bħala osservatur fuq il-Kumitat tal-Ħlasijiet.

11 *L-iskop negattiv ta' l-applikazzjoni tad-direttiva proposta*

11.1 L-iskop tad-direttiva proposta, kif stabbilit fl-Artikolu 2 u 3, jista' jirriżulta f'xi differenzi ta' interpretazzjoni. Skond l-Artikolu 2, id-direttiva proposta tapplika għal lista eżawrjenti ta' attivitajiet ta' negozju ddefiniti bħala servizzi ta' ħlas u mniżżla fl-Anness mad-direttiva proposta. Skond l-Artikolu 3, tinkludi wkoll dik li tidher li hija bħala lista eżawrjenti ta' eżenzjonijiet mid-

13 Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju, 1998, dwar il-finalita` tal-ħlas f'sistemi ta' ħlas u ta' ftehim ta' titoli (ĠU L 166, 11.06.1998, pġ. 45) (SFD).

direttiva proposta, għalkemm jista' ikun utli li jiġi ċċarat dan il-punt. Sabiex ir-relazzjoni bejn l-Artikoli 2 u 3 tad-direttiva proposta ssir aktar ċara, il-BĊE jissuġġerixxi li tiġi sostitwita l-intestatura preżenti ta' l-Artikolu 3 bit-terminu 'eżenzjonijiet'.

11.2 Barra minn dan, xi wħud mill-affarijiet irregolati mill-Artikolu 3 huma problematiċi. L-ewwel, id-direttiva proposta ma tidhirx li hija teknoloġikament newtrali, billi tiddiskrimina bejn mezzi ta' ħlas fiżiċi u elettroniċi. Għalhekk tista' toħloq preġudizzju mhux iġġustifikat lejn servizzi ta' ħlas b'bażi ta' karta. Skond il-leġiżlazzjoni nazzjonali eżistenti, il-persuni li jagħtu servizz ta' ħlas li fil-preżent joffru servizzi b'bażi ta' karta jistgħu jsibuha aktar għalja biex jintroduċu verżjonijiet elettroniċi aktar effiċjenti tal-prodotti tagħhom, billi mbagħad dawn is-servizzi jaqgħu taħt id-direttiva proposta, li taf għalhekk idewwem l-introduzzjoni ġeneralment mixtieqa ta' servizzi ta' ħlas elettroniċi.

11.3 It-tieni, ir-rinunzja għal ċerti servizzi ta' ħlas pprovduti minn fornituri ta' telekommunikazjonijiet, sistemi ta' IT jew networks, kif indikat fl-Artikolu 3(j) tad-direttiva proposta, tista' tkun miftuħa għal interpretazzjonijiet differenti. Id-dispożizzjoni mhijiex teknoloġikament newtrali u tista' tiġi interpretata jew dejqa wisq jew wiesgħa wisq (e.ż. ħlasijiet fuq pjattaformi ta' negozju *online* bħal ma hi l-eBay jistgħu jiġu esklużi, għalkemm mhumiex differenti b'mod sostanzjali minn servizzi li jaqgħu taħt id-direttiva proposta). Bħala riżultat id-direttiva proposta tista' tiġi implimentata b'mod żbilanċjat. Barra minn dan, ir-relazzjoni bejn ir-rinunzja u l-paragrafi 8 u 9 ta' l-Anness mad-direttiva proposta mhix ċara għal kollox. Bħala riżultat il-BĊE jissuġġerixxi li l-Artikolu 3(j) tad-direttiva proposta u l-paragrafi 8 u 9 ta' l-Anness magħha għandhom jiġu rrevokati.

11.4 Sakemm noti promissorji b'bażi ta' karta jissemmew fl-Artikolu 3(f) tad-direttiva proposta, għandha ssir ukoll referenza ġenerali għal kambjali, inklużi kemm il-kambjali koperti mill-Konvenzjoni ta' Ġinevra 1930[14] u l-kambjali li mhumiex.

## 12 *Definizzjonijiet*

12.1 Id-direttiva proposta ssegwi żewġ metodi differenti meta tistabbilixxi d-definizzjonijiet. F'xi każijiet id-definizzjonijiet huma stabbiliti permezz ta' dispożizzjoniet speċifiċi fl-Artikolu 4, filwaqt li f'każijiet oħra d-definizzjonijiet huma mxerrda matul partijiet differenti tad-direttiva proposta (e.ż. fl-Artikolu 1 ('l-istituzzjonijiet ta' kreditu', 'l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi', 'l-istituzzjonijiet ġiro ta' l-uffiċċju postali' u 'l-istituzzjonijiet ta' ħlas'), fl-Artikolu 2 ('servizzi ta' ħlas' u 'tranżazzjoni ta' ħlas'), fl-Artikolu 29 ('kuntratti qafas'), u fl-Artikolu 51 ('mikrointrapriża')). Huwa ssuġġerit li d-definizzjonijiet kollha jistgħu jinġabru f'artikolu tad-definizzjonijiet wieħed tad-direttiva proposta, li jista' jkun l-ewwel artikolu. Dan ikun simili għall-metodu segwit fid-Direttiva kkonsolidata dwar il-Kummerċ Bankarju.

14 Il-Konvenzjoni li tipprovdi liġi uniformi għal kambjali u noti promissorji (Ġinevra, 7 Ġunju, 1930).

12.2 Fl-istess ħin, hemm kwistjoni ta' konsistenza b'definizzjonijiet u kunċetti wżati f'liġi eżiġenti tal-Komunità, e.ż. is-SFD. Per eżempju, dan huwa l-każ għad-definizzjoni ta' 'sistema ta' ħlas' fl-Artikolu 4(3) tad-direttiva proposta, li għandha ssir aktar kumpatibbli mal-kunċett ta' 'sistema' kif użat fis-SFD, meta wieħed jikkunsidra l-azzjoni reċiproka potenzjali bejn is-sistemi indikati taħt is-SFD u sistemi oħra ta' ħlas. Tista' tintlaħaq aktar konsistenza billi fid-direttiva proposta jiġu ntrodotti d-definizzjonijiet ta' 'min iħallas' u 'min jitħallas' misjuba fl-Artikolu 3 tar-regolament propost dwar l-informazzjoni dwar min iħallas li tintbagħat flimkien ma' trasferimenti ta' fondi[15].

12.3 Il-kunċett ta' 'istituzzjoni ta' ħlas' għandu jiġi emendat biex jeskludi l-possibbiltà li persuni fiżiċi jistgħu jaġixxu bħala istituzzjonijiet ta' ħlas, billi dan jagħti lok għar-riskju li l-fondi ta' l-istituzzjoni ta' ħlas jistgħu jiġu mħallta flimkien ma' dawk tal-persuni fiżiċi interessati.

12.4 Il-kunċett ta' 'kont ta' ħlas' li jinsab fl-Artikolu 4(7) tad-direttiva proposta mhuwiex ċar. Dan għandu jiġi rrimedjat, billi huwa prinċipali għall-interpretazzjoni tal-kunċett ta' servizzi ta' ħlas u l-iskop ta' l-attivita` ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas. Kif inhu bħalissa, mhuwiex ċar jekk il-kategoriji kollha tal-persuni li jagħtu servizz ta' ħlas jistgħux jipprovdu kontijiet ta' ħlas. Jekk l-istituzzjonijiet ta' ħlas jitħallew jipprovdu kontijiet ta' ħlas, id-differenzi bejn kontijiet tal-banek 'konvenzjonali' u kontijiet ta' ħlas għandhom ikunu ċċarati. Barra minn dan, il-karatteristiċi ta' dawn il-kontijiet għandhom jiġu ddefiniti b'mod ċar. Il-mistoqsijiet li jqumu f'dan il-kuntest għandhom x'jaqsmu ma' min huwa intitolat biex jipprovdi dawn il-kontijiet, min jista' jkollu tali kontijiet u x'inhija n-natura legali u l-effetti tagħhom.

12.5 Kwistjoni oħra li għandha bżonn tiċċara ruħha hija x'wieħed jifhem bir-referenza fid-definizzjoni ta' kont ta' ħlas għall-kont 'użat esklussivament għal tranżazzjonijiet ta' ħlas'. Jekk dan, per eżempju, jeskludix il-possibbilta` ta' kontijiet b'imgħax jew li wieħed iżomm il-fondi għal żmien itwal milli huwa strettament meħtieġ għat-tranżazzjoni? Għandu jiġi żgurat ukoll li l-istituzzjonijiet ta' ħlas ma jistgħux iħallsu mgħax jew jipprovdu inċentivi oħra lil min ikollu l-kont.

12.6 Id-definizzjoni ta' 'fondi' li tinsab fl-Artikolu 4(8) tad-direttiva proposta għandha tiġi abbozzata mill-ġdid billi, *inter alia*, il-kelma 'flus kontanti' tiġi sostitwita b'referenza għal karti tal-flus u muniti.

12.7 Fir-rigward tad-definizzjoni ta' '*unique identifier*' li tinsab fl-Artikolu 4(15) tad-direttiva proposta, huwa mfakkar li l-Opinjoni tal-BĊE CON/2005/56 tal-15 ta' Diċembru 2005, dwar proposta għal Regolament tal-KE dwar l-informazzjoni dwar min iħallas li tintbagħat ma' trasferiment ta' fondi[16] tipproponi għażla ta' kliem speċifika għad-definizzjoni ta' '*unique identifier*', li bħalissa tidher li hija riflessa fil-verżjoni kurrenti tar-regolament propost. Huwa ssuġġerit li d-definizzjoni ta' '*unique identifier*' kemm fir-regolament propost u kemm fid-direttiva proposta għandhom jiġu armonizzati.

15 'Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-informazzjoni dwar min iħallas li tintbagħat flimkien mat-trasferiment ta' fondi' (COM(2005) 343 finali).

16 ĠU Ċ 336, 31.12.2005, pġ. 109.

12.8 Il-kunċett ta' 'ħin ta' eżekuzzjoni' huwa wżat f'diversi premessi tad-direttiva proposta u fl-Artikoli 26(1)(a)(ii) u 31(1)(b)(ii), fl-Artikolu 35 u fis-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV, mingħajr ma jitfisser. Id-definizzjoni ta' ħin ta' eżekuzzjoni bħala perjodu ta' żmien speċifiku (li jista' jkun imkejjel, per eżempju, f'jiem ta' xogħol jew siegħat operattivi) tkun ta' benefiċċju billi tagħmilha possibbli biex l-itwal ħin ta' eżekuzzjoni jiġi ddefinit. Barra minn dan, hemm ħafna tranżazzjonijiet li jitwettqu mingħajr l-użu ta' kont ta' ħlas (e.ż. bgħit ta' flus lil klijenti mhux ta' servizzi bankarji). Id-definizzjoni ta' ħin ta' eżekuzzjoni fid-direttiva proposta għandha wkoll tkopri dawn il-każijiet.

12.9 M'hemmx kalendarju komuni ta' 'jiem ta' xogħol' fl-UE, u, għalkemm it-terminu huwa wkoll applikat f'kull parti tas-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV tad-direttiva proposta, mhuwiex definit. Għal skopijiet ta' pproċessar u ta' tħaddim, u biex jiġi żgurat li l-iskop ta' l-obbligi huwa ċar, ikun siewi li tiddaħħal definizzjoni dwar dan fid-direttiva proposta (fl-artikolu tad-definizzjonijiet).

12.10 It-terminu 'flus skritturali' huwa wżat fid-direttiva proposta mingħajr ma huwa ddefinit, e.ż. fl-Artikolu 3(b), fl-Artikolu 4(8) tad-direttiva proposta u fil-paragrafu 7 ta' l-Anness mad-direttiva proposta. Huwa ssuġġerit li għandha tiġi stabbilita definizzjoni ta' flus skritturali (fl-artikolu tad-definizzjonijiet), waqt li wieħed iżomm f'moħħu li huma l-banek ċentrali u l-istituzzjonijiet ta' kreditu biss (li jinkludu l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi) li jista' jkollhom fondi ta' dan it-tip.

12.11 Fuq l-istess nota, it-terminu 'fergħa' jintuża fl-Artikolu 4(2) u fl-Artikolu 20 tad-direttiva proposta mingħajr ma huwa ddefinit. Huwa ssuġġerit li għandha tiddaħħal definizzjoni ta' 'fergħa' konformi mad-definizzjoni fl-Artikolu 1(3) tad-Direttiva kkonsolidata dwar il-Kummerċ Bankarju.

12.12 Id-definizzjoni ta' 'kuntratt qafas' għandha titmexxa mill-Artikolu 29 għall-artikolu tad-definizzjonijiet. Barra minn dan, għal raġunijiet ta' konsistenza, it-terminu 'kuntratt ta' qafas' għandu jiġi wżat f'kull parti tad-direttiva proposta, jissostitwixxi t-terminu alternattiv 'ftehim qafas' użat fil-premessa 18 tad-direttiva proposta u fl-Artikoli 32 u 33.

## 13 *Kummenti legali u tekniċi addizzjonali*

13.1 Hemm bżonn li jiġi ċċarat jekk l-Istati Membri *host* jistgħux, għal skopijiet ta' rappurtar ta' statistika, jeħtieġu li l-istituzzjonijiet kollha ta' ħlas li għandhom fergħat fit-territorji tagħhom jirrappurtaw l-attivitajiet tagħhom lill-awtoritajiet ta' statistika kompetenti ta' l-Istat Membru *host*, *inter alia*, il-bank ċentrali nazzjonali u /jew l-aġenzija ta' statistika nazzjonali.

13.2 Jista' jiġi ċċarat b'mod espliċitu li r-referenza għal 'kwalunkwe valuta' fl-Artikolu 2 tad-direttiva proposta hija maħsuba biex tapplika għall-valuti tal-pajjiżi barra l-Komunità.

13.3 L-Artikolu 1 tad-direttiva proposta huwa intitolat 'Suġġett' u għaldaqstant għandu jkun ristrett għal preżentazzjoni bażika tas-suġġett tad-direttiva proposta. Ikun jidher aktar xieraq għall-erba' kategoriji ta' persuni li jagħtu servizz ta' ħlas jekk jaqgħu taħt definizzjoni waħda ta' 'persuna li

tagħti servizz ta' ħlas' biex tiddaħħal fl-artikolu tad-definizzjonijiet, speċjalment meta l-artikolu tad-definizzjonijiet jiddefinixxi wkoll il-kunċett ta' utent ta' servizz ta' ħlas.

13.4 L-Artikolu 11(2) tad-direttiva proposta dwar l-użu ta' *tied agents, outsources* jew sussidjarji tirreferi għal *outsourcing* ta' l-'operazzjonijiet kollha'. Din hija problematika, billi tagħti lok għat-twaqqif ta' kumpaniji qoxra li jikkonformaw formalment mad-direttiva proposta, filwaqt li l-operazzjonijiet innifishom jitwettqu minn terza persuna li mhijhiex suġġetta għall-obbligi ta' l-istess direttiva. Il-BĊE għalhekk jissuġġerixxi l-emenda ta' dan l-Artikolu 11 biex jiġu evitati implikazzjonijiet bħal dawn.

13.5 L-Artikolu 12(1) tad-direttiva proposta jirreferi għal 'riskji operattivi' mingħajr ma jiddefinixxi dan il-kunċett. Il-preċiżjoni meħtieġa tista' tintlaħaq bl-applikazzjoni tad-definizzjoni ta' 'riskju operattiv' misjub fl-Artikolu 4(22) tad-Direttiva proposta dwar l-Adegwatezza tal-Kapital[17].

13.6 Ir-regoli dwar iż-żamma tar-rekords li jinsabu fl-Artikoli 13 u 44 tad-direttiva proposta jistgħu jimplikaw li l-obbligi taż-żamma tar-rekords ta' xi istituzzjoni ta' ħlas ma jestendux għal aktar minn sena. Dawn l-obbligi għandhom isiru b'mod aktar ċar konformi mal-leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità, bħall-Artikolu 30 tat-Tielet Direttiva dwar il-Ħasil tal-Flus [18], li tistabbilixxi obbligu minimu taż-żamma tar-rekords għal ħames snin.

13.7 Il-kunċett ta' 'kunsens' li jinsab fl-Artikolu 41 tad-direttiva proposta m'huwiex preċiż biżżejjed. Ir-referenza għall-irtirar tal-kunsens u d-definizzjoni ta' dawn huma meħtieġa f'dan il-kuntest.

13.8 L-għażla ta' kliem ta' l-Artikolu 52 tad-direttiva proposta fir-rigward tal-fondi hija ambigwa, per eżempju, ir-referenza għal dritt ta' rimborż fejn l-ammont tat-tranżazzjoni eżegwit mhuwiex ammont 'li persuna raġonevoli li tħallas tistenna jekk tkun fil-pożizzjoni ta' min iħallas'. Din l-għażla ta' kliem tħalli lok wiesa' għal interpretazzjoni, li żżid l-inċertezza fil-qasam tal-ħlasijiet, u tista' twassal għal żieda fil-kwistjonijiet u tħalli lill-konsumaturi mhux protetti. Sabiex jitnaqqas ir-riskju ta' litigazzjoni, għandha tingħata kunsiderazzjoni akbar biex tiġi ċċarata l-għażla ta' kliem fl-Artikolu 52.

13.9 Il-finalita` ta' xi ħlas hija kruċjali għal min jitħallas, u għalhekk il-kunċett ta' 'ikun infurmat' li jinsab fl-Artikolu 53(1) tad-direttiva proposta huwa wisq vag, billi l-għażla taż-żmien jista' jvarja b'mod sinifikanti meta l-informazzjoni ssir aċċessibbli permezz tal-bank fuq l-internet ta' min iħallas jew permezz ta' magna ta' l-istampar tal-kontijiet għall-użu tal-pubbliku, bil-kuntrarju ta' każijiet fejn min iħallas jirċievi rekord stampata tal-kont bil-posta. Ikun għalhekk mixtieq jekk ikun hemm mument fiss fil-ħin rigward it-trasferiment innifsu. Biex min iħallas jingħata ħin addizzjonali ħalli jkun jista' jirreaġixxi, il-perjodu ta' żmien permess jista' jiġi estiż minn erba' għal sitt ġimgħat.

---

17 Ara n-nota ta'qiegħ il-paġna 9 għal referenza sħiħa.

18 Id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 t'Ottubru, 2005, dwar il-prevenzjoni ta' l-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-iffinanzjar tat-terroriżmu (ĠU L 309, 25.11.2005, pġ. 15).

13.10 Il-kunċetti ta' 'aċċettazzjoni' u ta' 'irrevokabilita`' misjuba fl-Artikolu 54 u 56 tad-direttiva proposta, filwaqt li huma ċari u ta' għajnuna, għandhom ikunu kumpatibbli mal-kunċetti ta' 'dħul f'xi sistema' u 'irrevokabilita' fis-SFD. Emenda parallela tas-SFD għandha tkun ikkunsidrata biex tiġi żgurata l-konsistenza, u biex jiġu evitati tfixkil u r-riskji legali.

13.11 L-Artikolu 54(2) tad-direttiva proposta għandu jkun emendat biex jiżgura li d-dewmien bejn l-irċevuta u l-aċċettazzjoni ta' xi ħlas ma jittawwalx bla bżonn .

13.12 L-Artikolu 65(1) tad-direttiva proposta dwar id-disponibbilta` ta' fondi jgħid li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni li jagħtu servizzi ta' ħlas ta' min jitħallas jagħmlu fondi disponibbli lil min jitħallas hekk kif dawn il-fondi huma kkreditati lill-kont ta' min jitħallas. Ikun jidher ovvju li l-fondi huma disponibbli ladarba kkreditati lill-kont ta' min jitħallas. Għaldaqstant ikun jidher xieraq li jiġi ċċarat li l-fondi għandhom isiru disponibbli lil min jitħallas immedjatament ladarba l-persuna li tagħti servizz ta' ħlas tkun irċeviethom.

13.13 Biex skemi ta' ħlas jitħallew iħallu pproċessar dirett effiċjenti, l-Artikolu 66(1) tad-direttiva proposta għandu jkun emendat billi tiddaħħal referenza għan-Numru Internazzjonali tal-Kont tal-Bank (IBAN) bħala l-*unique identifier* ippreferut fil-każijiet kollha, b'hekk jiġi żgurat metodu armonizzat fl-użu tal-*unique identifiers*.

14 *Proposti t'abbozzar*

Minbarra dan t'hawn fuq, jinsabu xi proposti t'abbozzar fl-Anness.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fis-26 t' April, 2006.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET

ANNESS

# Proposti t'abbozzar[19]

**Test propost mill-Kummissjoni[20]**

Emenda 1

Premessa 12

(12) Huwa essenzjali għall-funzjoni ta' persuna li tagħti servizz ta' ħlas li tkun kapaċi topera f'sistemi ta' ħlas jew li tipparteċipa f'dawk is-sistemi. Sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza fit-trattament ġewwa l-Komunità bejn il-kategoriji differenti ta' persuna li tagħti servizz ta' ħlas, skond il-kundizzjonijiet tal-liċenzja prudenti tagħhom, huwa meħtieġ li jiġu ċċarati r-regoli dwar l-aċċess għall-għoti ta' servizzi ta' ħlas u l-parteċipazzjoni f'sistemi ta' ħlas. Għandu jkun hemm dispożizzjonijiet għat-trattament ugwali ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas u l-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward ta' l-operat tagħhom f'sistemi ta' ħlas u l-aċċess għalihom.

**Emendi proposti mill-BĊE[21]**

(12) Huwa essenzjali għall-funzjoni ta' persuna li tipprovdi servizz ta' ħlas li tkun kapaċi topera f'sistemi ta' ħlas jew li tipparteċipa f'dawk is-sistemi. Sabiex tiġi żgurata l-ugwaljanza fit-trattament ġewwa l-Komunità bejn il-kategoriji differenti ta' persuna li tagħti servizz ta' ħlas, skond il-kundizzjonijiet tal-liċenzja prudenti tagħhom, huwa meħtieġ li jiġu ċċarati r-regoli dwar l-aċċess għall-għoti ta' servizzi ta' ħlas u l-parteċipazzjoni f'sistemi ta' ħlas. **Skond l-Artikolu 105(2) tat-Trattat u l-Artikolu 3.1 u l-Artikolu 22 ta' l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali Ewropew (minn issa 'l quddiem l-'Istatut tas-SEBĊ'), waħda mill-ħidmiet bażiċi li għandha titwettaq permezz tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) hija l-promozzjoni ta' l-operat bla xkiel ta' sistemi ta' ħlas. Il-BĊE u l-banek ċentrali nazzjonali ta' l-Istati Membri jistgħu jipprovdu faċilitajiet, u l-BĊE jista' jagħmel regolamenti, biex jiżguraw sistemi ta' kklerjar u ħlas effiċjenti u validi fil-Komunità u ma' pajjiżi oħra. Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva dwar l-aċċess għall-għoti ta' servizzi ta' ħlas u l-parteċipazzjoni f'sistemi ta' ħlas huma mingħajr preġudizzju għal dawn il-kompetenzi tal-BĊE u tas-SEBĊ, li japplikaw fl-Istati Membri li adottaw il-euro.** Għandu jkun hemm dispożizzjonijiet għat-trattament ugwali ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas u l-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward ta' l-operat tagħhom fis-sistemi ta' ħlas u l-aċċess għalihom.

---

19 Il-proposti t'abbozzar fl-Anness huma bbażati skond it-test tad-direttiva proposta u huma ristretti għal emendi magħmula biex jirriflettu l-proposti tal-BĊE f'din l-opinjoni.

20 Il-korsiv fit-test jindika fejn il-BĊE jipproponi li jitħassar xi test.

21 It-tipa skura fit-test jindika fejn il-BĊE jipproponi li jiddaħħal test ġdid.

<u>Ġustifikazzjoni</u> – *Ara paragrafu 9.3 ta' l-opinjoni*

Emenda 2

Artikolu 1, Suġġett

| | |
|---|---|
| Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli skond liema l-Istati Membri għandhom jiddistingwixxu l-erba' kategoriji *li ġejjin* ta' persuni li jagħtu servizz ta' ħlas:<br><br>*(a) istituzzjonijiet ta' kreditu fit-tifsira tad-Direttiva 2000/12/KE;*<br><br>*(b) istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi fit-tifsira tad-Direttiva 2000/46/KE;*<br><br>*(c) istituzzjonijiet ġiro ta' l-uffiċċju postali, kif imsemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2000/12/KE, li huma intitolati skond il-liġi nazzjonali jew tal-Komunità biex jipprovdu servizzi ta' ħlas;*<br><br>*(d) persuni oħra fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu ngħataw awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva biex jipprovdu u jeżegwixxu servizzi ta' ħlas ġewwa l-Komunità, minn issa 'l quddiem "istituzzjonijiet ta' ħlas".*<br><br>Din id-Direttiva tistabbilixxi wkoll ir-regoli dwar il-kundizzjonijiet tat-trasparenza, u d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' l-utenti u l-fornituri, fir-rigward ta' l-għoti ta' servizzi ta' ħlas bħala ħidma regolari jew attivita` ta' negozju.<br><br>*Banek Ċentrali li jaġixxu bħala awtoritajiet monetarji u awtoritajiet pubbliċi li jipprovdu servizzi ta' ħlas mhumiex ikkunsidrati bħala persuni li jagħtu servizz ta' ħlas.* | Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli skond liema l-Istati Membri għandhom jiddistingwixxu l-erba' kategoriji ta' persuni li jagħtu servizz ta' ħlas**, kif iddefinit fl-Artikolu [4] [l-Artikolu tad-Definizzjonijiet]**.<br><br>Din id-Direttiva tistabbilixxi wkoll ir-regoli dwar il-kundizzjonijiet tat-trasparenza, u d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' l-utenti u l-fornituri, fir-rigward ta' l-għoti ta' servizzi ta' ħlas bħala ħidma regolari jew attivita` ta' negozju. |

<u>Ġustifikazzjoni</u> – *Ara l-paragrafu 13.3 ta' l-opinjoni*

Emenda 3

Artikolu 2(1), l-ewwel subparagrafu

| | |
|---|---|
| Din id-Direttiva għandha tapplika biss għal *attivitajiet ta' negozju, imniżżla fl-Anness, li jikkonsistu fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas f'isem xi persuna naturali jew ġuridika, minn issa 'l quddiem "servizzi ta' ħlas", fejn ta' lanqas* | Din id-Direttiva għandha tapplika għal **servizzi ta' ħlas** biss. |

*wieħed mill-persuni li jagħti servizz ta' ħlas jinsab fil-Komunità.*

<u>Ġustifikazzjoni</u> *–Ara l-paragrafu 12.1 ta' l-opinjoni*

Emenda 4

L-Artikolu 1, eżenzjoni tal-banek ċentrali – biex jiżdied ma' l-Artikolu 2(1), it-tieni subparagrafu

*Banek Ċentrali li jaġixxu bħala awtoritajiet monetarji u awtoritajiet pubbliċi li jipprovdu servizzi ta' ħlas mhumiex ikkunsidrati bħala persuni li jagħtu servizz ta' ħlas.*

**Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal servizzi ta' ħlas mogħtija minn banek ċentrali.**

<u>Ġustifikazzjoni</u> *– Ara l-paragrafu 8 ta' l-opinjoni*

Emenda 5

Artikolu 3, titolu

Skop negattiv

**Eżenzjonijiet**

<u>Ġustifikazzjoni</u> *– Ara l-paragrafu 11.1 ta' l-opinjoni*

Emenda 6

Artikolu 3(j)

*(j) tranżazzjonijiet ta' ħlas eżegwiti permezz ta' telefon mobbli jew kwalunkwe apparat ieħor diġitali jew IT, fejn il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin huma sodisfatti:*

*(i) min jagħti s-servizz u li jopera s-sistema jew network ta' telekomunikazzjoni jew ta' l-IT huwa involut mil-qrib fl-iżvilupp ta' oġġetti diġitali jew servizzi ta' komunikazzjoni elettronika mogħtija;*

*(ii) l-oġġetti u servizzi ma jistgħux jingħataw fl-assenza ta' min jagħti s-servizz;*

*(iii) m'hemm l-ebda għażla alternattiva għar-remunerazzjoni.*

[Tħassir]

<u>Ġustifikazzjoni</u> *– Ara l- paragrafu 11.3 ta' l-opinjoni*

Emenda 7

Artikolu 4(3)

"sistema ta' ħlas" tfisser sistema ta' trasferimenti ta' fondi bi ftehim formali u standardizzati u regoli komuni għall-ipproċessar, l-ikklerjar u/jew il-ftehim ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas;

"sistema ta' ħlas" tfisser sistema ta' trasferimenti ta' fondi bi ftehim formali u standardizzati u regoli komuni għall-ipproċessar, l-ikklerjar u/jew il-ftehim ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas, **inklużi mingħajr restrizzjoni sistemi indikati u innotifikati lill-Kummissjoni bħala sistemi ta' ħlas skond id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju, 1998, dwar il-finalita` tal-ħlas f'sistemi ta' ħlas u ta' ftehim ta' titoli**[FN];

*<u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 12.2 ta' l-opinjoni*

Emenda 8

Artikolu 4(8)

"fondi" tfisser *flus kontanti*, flus skritturali *u flus elettroniċi kif imsemmi fid-Direttiva 2000/46/KE*;

"fondi" tfisser **karti tal-flus u muniti u** flus skritturali;

*<u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 12.6 ta' l- opinjoni*

Emenda 9

Artikolu tad-Definizzjonijiet

*Artikolu 1*
*Suġġett*

*Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli skond liema l-Istati Membri għandhom jiddistingwu l-erba' kategoriji li ġejjin ta' persuni li jagħtu servizz ta' ħlas:*

*[..]*

*(d) persuni oħra fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu ngħataw awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva biex jipprovdu u jeżegwixxu servizzi ta' ħlas ġewwa l-Komunità, minn issa 'l quddiem "istituzzjonijiet ta' ħlas".*

**''istituzzjoni ta' ħlas" tfisser kull persuna ġuridika minbarra: (a) xi istituzzjoni ta' kreditu fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2000/12/KE; (b) istituzzjoni ta' flus elettroniċi kif iddefinita fl-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 2000/46/KE); jew (ċ) istituzzjoni ġiro ta' l-uffiċċju postali, kif imsemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2000/12/KE, li skond il-liġi nazzjonali jew tal-Komunita, hija intitolata biex tipprovdi servizzi ta' ħlas; li tkun ingħatat awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 6 biex tipprovdi u teżegwixxi servizzi ta' ħlas fil-Komunità;**

*<u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 12.1 u 12.3 ta' l- opinjoni*

---

FN ĠU L 166, 11.6.1998, pġ. 45.

Emenda 10

Artikolu tad-Definizzjonijiet

| | |
|---|---|
| [Inserzjoni] | **"servizz ta' ħlas" tfisser attivita` ta' negozju mniżżla fl-Anness, li tikkonsisti fl-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas f'isem persuna fiżika jew ġuridika, fejn ta' lanqas wieħed mill-persuni li jagħtu servizz ta' ħlas jinsab fil-Komunità;** |

<u>Ġustifikazzjoni</u> –*Ara l-paragrafu 12.1 ta' l-opinjoni*

Emenda 11

Artikolu tad-Definizzjonijiet

| | |
|---|---|
| *Artikolu 1*<br>*Suġġett*<br><br>*Din id-Direttiva tistabbilixxi r-regoli skond liema l-Istati Membri għandhom jiddistingwixxu l-erba' kategoriji li ġejjin ta' persuni li jagħtu servizz ta' ħlas:*<br><br>*(a) istituzzjonijiet ta' kreditu fit-tifsira tad-Direttiva 2000/12/KE;*<br><br>*(b) istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi fit-tifsira tad-Direttiva 2000/46/KE;*<br><br>*(c) istituzzjonijiet ġiro ta' l-uffiċċju postali, kif imsemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artkolu 2(3) tad-Direttiva 2000/12/KE, li huma ntitolati skond il-liġi nazzjonali jew tal-Komunità biex jipprovdu servizzi ta' ħlas;*<br><br>*(d) persuni oħra fiżiċi jew ġuridiċi li jkunu ngħataw awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 6 ta' din id-Direttiva biex jipprovdu u jeżegwixxu servizzi ta' ħlas ġewwa l-Komunità, minn issa 'l quddiem "istituzzjonijiet ta' ħlas".* | **"persuna li tagħti servizz ta' ħlas" tfisser: (a) a istituzzjoni ta' kreditu fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2000/12/KE; (b) istituzzjoni ta' flus elettroniċi kif iddefinita fl-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 2000/46/KE); (ċ) a istituzzjoni ġiro ta' l-uffiċċju postali, kif imsemmija fit-tieni inċiż ta' l-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 2000/12/KE, li skond il-liġi nazzjonali jew tal-Komunità hija intitolata biex tipprovdi servizzi ta' ħlas; jew (d) mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 21, xi istituzzjoni ta' ħlas;** |

<u>Ġustifikazzjoni</u> –*Ara l-paragrafu 12.1 ta' l-opinjoni*

Emenda 12

Artikolu tad-Definizzjonijiet

| | |
|---|---|
| [Inserzjoni] | **"tranżazzjoni ta' ħlas" tfisser l-att, inizjat minn min iħallas jew minn min jitħallas, ta' depożitu, ġbid jew trasferiment ta' fondi minn min iħallas lil min jitħallas, irrispettivament minn kull obbligu li jista' jkun hemm bejn l-utenti ta' servizzi ta' ħlas;** |

*<u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 12.1 ta' l-opinjoni*

Emenda 13

Artikolu tad-Definizzjonijiet

| | |
|---|---|
| [Inserzjoni] | **"ħin ta' eżekuzzjoni" tfisser il-ħin bejn l-aċċettazzjoni ta' ordni ta' ħlas minn persuna li tagħti servizz ta' ħlas u l-mument fil-ħin meta l-ammont biex jitħallas skond l-ordni ta' ħlas isir disponibbli lil min jitħallas;** |

*<u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 12.8 ta' l-opinjoni*

Emenda 14

Artikolu tad-Definizzjonijiet

| | |
|---|---|
| [Inserzjoni] | **"flus skritturali" tfisser bilanċi ta' depożitu miżmuma f'kont ma' istituzzjoni ta' kreditu jew bank ċentrali, jew flus elettroniċi kif iddefiniti fl-Artikolu 1(3)(b) tad-Direttiva 2000/46/KE;** |

*<u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 12.10 ta' l-opinjoni*

Emenda 15

Artikolu tad-Definizzjonijiet

| | |
|---|---|
| [Inserzjoni] | **"kuntratt qafas" tfisser ftehim ta' servizz ta' ħlas ikkaratterizzat mill-fatt li dan il-kuntratt jorbot persuna li tagħti servizz ta' ħlas għall-eżekuzzjoni futura ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas individwali jew suċċessivi fuq l-ordni ta' min iħallas;** |

*<u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafu 12.12 ta' l-opinjoni*

Emenda 16

Artikolu Ġdid 6, Konsultazzjoni tal-banek ċentrali

| | |
|---|---|
| [Inserzjoni] | **L-awtoritaijiet kompetenti ta' l-Istat Membru *home* għandhom jikkonsultaw lill-bank ċentrali rilevanti qabel ma jaċċettaw jew jiċħdu applikazzjoni għal awtorizzazzjoni, jew sospensjoni, jew l-irtirar ta' awtorizzazzjoni.** |

<u>Ġustifikazzjoni</u> – *Ara l-paragrafu 4.8 ta' l-opinjoni*

Emenda 17

Artikolu 10(1) u (2)

| | |
|---|---|
| 1. L-istituzzjonijiet ta' ħlas għandhom ikunu intitolati biex jingaġġaw fl-attivitajiet li ġejjin: | 1. L-istituzzjonijiet ta' ħlas għandhom ikunu intitolati biex jingaġġaw **esklussivament** fl-attivitajiet li ġejjin: |
| (a) l-għoti ta' servizzi ta' ħlas; | (a) l-għoti ta' servizzi ta' ħlas **permessi kif stabbilit fl-Anness**; |
| (b) l-għoti ta' servizzi operattivi u servizzi anċillari relatati *bħall-*garanzija ta' l-eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas~~,~~ servizzi tal-kambju, attivitajiet ta' *safekeeping*, u l-ħażna u l-ipproċessar tad-data; | (b) l-għoti ta' servizzi operattivi u servizzi anċillari relatati bħal servizzi tal-kambju, attivitajiet ta' *safekeeping*, u l-ħażna u l-ipproċessar tad-data; |
| (c) l-aċċess *u l-operat* ta' sistemi ta' ħlas għall-iskopijiet ta' trasferiment, ikklerjar u ħlas ta' fondi, inklużi kwalunkwe strumenti u proċeduri relatati mas-sistemi. | (ċ) l-aċċess ta' sistemi ta' ħlas għall-iskopijiet ta' trasferiment, ikklerjar u ħlas ta' fondi, inklużi kwalunkwe strumenti u proċeduri relatati mas-sistemi, **mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 23**. |
| *Fil-kuntest ta' punt (a),* fondi riċevuti mill-istituzzjonijiet ta' ħlas minn utenti ta' servizz ta' ħlas bil-għan li jingħataw servizzi ta' ħlas m'għandhomx jikkostitwixxu depożitu jew fondi oħra li jitħallsu lura fit-tifsira ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/12/KE, jew flus elettroniċi *fit-tifsira tad-* Direttiva 2000/46/KE. | 2. **Meta l-istituzzjonijiet ta' ħlas jingaġġaw fl-għoti ta' servizz ta' ħlas skond il-paragrafu (1)(a)**, fondi riċevuti mill-istituzzjonijiet ta' ħlas minn utenti ta' servizz ta' ħlas bil-għan li l-għoti ta' servizzi ta' ħlas m'għandhomx jikkostitwixxu depożitu jew fondi oħra li jitħallsu lura fit-tifsira ta' l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/12/KE, jew flus elettroniċi **kif iddefinit fl-Artikolu 1(3)(b) tad-**Direttiva 2000/46/KE. **Fondi riċevuti minn xi istituzzjoni ta' ħlas għandhom jiġu ttrasferiti lil min jitħallas jew, jekk xi ordni mhijiex eżegwita, imħallsa lil min iħallas jew lil xi persuna oħra intitolata għall-fondi fil-ħin ta' l-eżekuzzjoni preskritti fis-Sezzjoni 2 tal-Kapitolu 2 tat-Titolu IV ta' din id-Direttiva.** |
| 2. Fondi riċevuti minn utenti ta' servizz ta' ħlas u aċċettati speċifikament b'konnessjoni ma' servizz ta' ħlas m'għandhomx jintużaw mill-istituzzjonijiet ta' ħlas biex support attivitajiet ta' negozju oħra *ħlief-*servizzi ta' ħlas. *L-istituzzjonijiet ta' ħlas għandhom iżommu fil-kotba tagħhom il-fondi ta' l-utenti ta' servizz ta' ħlas, aċċettati għal xi tranżazzjoni ta' ħlas, separati minn fondi oħra aċċettati għal attivitajiet ħlief servizzi ta' ħlas.* | 3. Fondi riċevuti minn utenti ta' servizz ta' ħlas |

u aċċettati speċifikament b'konnessjoni ma' servizz ta' ħlas m'għandhomx jintużaw mill-istituzzjonijiet ta' ħlas biex jappoġġaw attivitajiet ta' negozju ħlief is-servizzi ta' ħlas **mitluba mill-utent ta' servizz ta' ħlas**.

4. **L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm il-protezzjonijiet xierqa biex jipproteġu lill-utenti ta' servizz ta' ħlas kif ġej:**

(a) **fir-rigward ta' fondi riċevuti minn utenti ta' servizz ta' ħlas, li jkunu ġew aċċettati għal xi tranżazzjoni ta' ħlas, xi istituzzjoni ta' ħlas għandha tifred dawn il-fondi minn fondi oħra aċċettati għal attivitajiet oħra ħlief servizzi ta' ħlas, u tniżżilhom separatament fil-kotba tagħha;**

(b) **istituzzjoni ta' ħlas għandha żżomm il-fondi ta' xi utent ta' servizz ta' ħlas taħt isem kont li jidentifika b'mod ċar l-utent ta' servizz ta' ħlas;**

(ċ) **l-ebda fondi ta' xi utent ta' servizz ta' ħlas ma jistgħu jitħalltu flimkien mal-fondi ta' persuna li tagħti servizz ta' ħlas jew kwalunkwe utent ta' servizz ta' ħlas jew kwalunkwe persuna oħra minbarra l-utent tas-servizz ta' ħlas li f'ismu jkunu qed jinżammu l-fondi;**

(d) **il-fondi ta' utent ta' servizz ta' ħlas għandhom ikunu insulati minn kwalunkwe azzjoni ta' terza persuna kontra l-istituzzjoni ta' ħlas;**

(e) **fil-każ li jiġu adottati xi miżura ta' riorganizzazzjoni waħda jew aktar jew jinbdew proċedimenti ta' stralċ kontra xi istituzzjoni ta' ħlas, l-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji rilevanti, jew l-amministratur jew l-istralċjajru rilevanti, skond kif ikun il-każ, għandhom jirritornaw minnufih il-fondi ta' l-utenti kollha ta' servizz ta' ħlas, lil dawn l-utenti ta' servizz ta' ħlas f'prijorita` għall-pretensjonijiet l-oħra kollha kontra dik l–istituzzjoni ta' ħlas;**

(f) **fil-każ li jiġu adottati xi miżura ta' riorganizzazzjoni waħda jew aktar jew jinbdew proċedimenti ta' stralċ kontra xi istituzzjoni ta' ħlas u ma jkunx hemmx fondi biżżejjed għall-bgħit tal-fondi kollha dovuti lil utenti ta' servizz ta' ħlas, l-**

**awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji rilevanti, jew l-amministratur jew l-istralċjarju rilevanti, skond kif ikun il-każ, għandhom jiddistribwixxu minnufih lill-utenti ta' servizz ta' ħlas il-fondi ta' dawk l-utenti ta' servizz ta' ħlas fuq bażi *pro rata* skond il-pretensjonijiet tagħhom u f''prijorita` għall-pretensjonijiet l-oħra kollha kontra dik l-istituzzjoni ta' ħlas.**

Nota: huwa ssuġġerit li d-dispożizzjoni t'hawn fuq tkun akkompanjata bl-introduzzjoni tad-definizzjonijiet li ġejjin fl-artikolu tad-definizzjonijiet fid-direttiva proposta, meħuda kollha direttament mill-Artikolu 2 tad-Direttiva 2001/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-4 ta' April, 2001, dwar l-organizzazzjoni mill-ġdid u l-istralċ ta' l-istituzzjonijiet ta' kredituFN:

(1) **"amministratur" tfisser kull persuna jew korp maħtur mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji li l-ħidma tagħhom hija li jamministraw miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid;**

(2) **"awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji" tfisser dawk l-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji ta' l-Istati Membri li huma kompetenti għall-iskopijiet ta' miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid jew proċedimenti ta' stralċ;**

(3) **"miżuri ta' organizzazzjoni mill-ġdid" tfisser miżuri li huma maħsuba biex jippreżervaw jew jirrestawraw is-sitwazzjoni finanzjarja ta' xi istituzzjoni ta' ħlas u li jistgħu jaffettwaw id-drittijiet preeżistenti ta' terzi persuni, inklużi miżuri li jinvolvu l-possibbilta` ta' sospensjoni ta' ħlas, sospensjoni ta' miżuri ta' infurzar jew tnaqqis ta' pretensjonijiet;**

(4) **"starlċjarju" tfisser kull persuna jew korp maħtur mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji li l-ħidma tagħhom hija li jamministraw proċedimenti ta' stralċ;**

(5) **"proċedimenti ta' stralċ" tfisser proċedimenti kollettivi mibdija u osservati mill-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjali ta' Stat Membru bil-ħsieb li**

FN ĠU L 125, 5.5.2001, pġ. 15.

| | |
|---|---|
| | **jirrealizza l-assi taħt is-superviżjoni ta' dawk l-awtoritajiet, inkluż fejn il-proċedimenti huma tterminati minn xi kompożizzjoni jew miżura oħra simili.** |

<u>Ġustifikazzjoni</u> *– Ara l-paragrafi 6.3, 6.4 u 9.4 ta' l-opinjoni*

Emenda 18

Artikolu 10(3)

| | |
|---|---|
| 3. *L-attivitajiet ta' negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' ħlas awtorizzati m'għandhomx ikunu esklussivi u m'għandhomx ikunu ristretti għal servizzi ta' ħlas, salv il-liġi applikabbli nazzjonali u tal-Komunità.* | [Tħassir] |

<u>Ġustifikazzjoni</u> *– Ara l-paragrafu 6.5 ta' l-opinjoni*

Emenda 19

Artikolu 11(2)

| | |
|---|---|
| (2) Meta xi istituzzjoni ta' ħlas tippjana biex tagħti b'sottokuntratt xi wħud mill-operazzjonijiet tagħha *jew kollha kemm huma*, hija għandha tinforma lill-awtorita` kompetenti għal din ir-raġuni. | (2) Meta xi istituzzjoni ta' ħlas tippjana biex tagħti b'sottokuntratt xi wħud mill-operazzjonijiet tagħha, hija għandha tinforma lill-awtorita` kompetenti **ta' l-Istat Membru *home* tagħha** għal din ir-raġuni. **Dan is-sottokuntrattar m'għandux jippreġudika l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għall-entità li lilha jkunu ġew sottokuntrattatu xi wħud mill-operazzjonijiet, dejjem jekk din l-entità tikkwalifika bħala persuna li tagħti servizz ta' ħlas bis-saħħa tagħha stess.** |

<u>Ġustifikazzjoni</u> *– Ara l-paragrafu 13.4 ta' l- opinjoni*

Emenda 20

Artikolu 16

| | |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kuntrolli eżerċitati mill-awtoritajiet kompetenti biex jiċċekkjaw il-konformita` kontinwa ma' dan it-Titolu huma pproporzjonati, adekwati u li jikkostitwixxu tweġiba għar-riskji li għalihom l-istituzzjonijiet ta' ħlas huma esposti.<br><br>Sabiex jiċċekkjaw il-konformita ma' dan it-Titolu, l-awtoritajiet kompetenti *jistgħu* jieħdu *biss* il-passi | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kuntrolli eżerċitati mill-awtoritajiet kompetenti biex jiċċekkjaw il-konformita` kontinwa ma' dan it-Titolu huma pproporzjonati, adekwati u li jikkostitwixxu tweġiba għar-riskji li għalihom l-istituzzjonijiet ta' ħlas huma esposti.<br><br>Sabiex jiċċekkjaw il-konformita ma' dan it-Titolu, l-awtoritajiet kompetenti **għandu jkollhom il-ħila** |

| | |
|---|---|
| li ġejjin: | **biex** jieħdu l-passi li ġejjin: |
| (a) jitolbu lill-istituzzjoni ta' ħlas biex tipprovdi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex jirregolaw il-konformita\`; | (a) jitolbu lill-istituzzjoni ta' ħlas biex tipprovdi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa biex jirregolaw il-konformita\`; |
| (b) iwettqu spezzjonijiet fil-post (*on-site*) ma' l-istituzzjoni ta' ħlas, entita\` *outsourced*, *tied agent* jew xi sussidjarja taħt ir-responsabbilta\` ta' l-istituzzjoni ta' ħlas; | (b) iwettqu spezzjonijiet fil-post (*on-site*) ma' l-istituzzjoni ta' ħlas, entita\` *outsourced*, *tied agent* jew xi sussidjarja taħt ir-responsabbilta\` ta' l-istituzzjoni ta' ħlas; |
| (c) joħorġu rakkomandazzjonijiet u linji ta' gwida; | (c) joħorġu rakkomandazzjonijiet u linji ta' gwida; |
| (d) joħorġu twissijiet u jimponu penali pproporzjonati f'każijiet ta' nuqqas ta' konformita\`; | (d) joħorġu twissijiet u jimponu penali pproporzjonati f'każijiet ta' nuqqas ta' konformita\`; |
| (e) jissospendu jew jirtiraw awtorizzazzjoni f'każijiet, fejn il-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 5 mhumiex sodisfatti aktar. | (e) jissospendu jew jirtiraw awtorizzazzjoni f'każijiet, fejn il-kundizzjonijiet għal awtorizzazzjoni skond l-Artikolu 5 mhumiex sodisfatti aktar. |

*Ġustifikazzjoni – Ara l-paragrafu 4.7 ta' l-opinjoni*

Emenda 21

Artikolu 19, l-ewwel paragrafu

| | |
|---|---|
| L-awtoritajiet kompetenti tad-diversi Stati Membri għandhom jikkooperaw u, partikolarment, jiskambjaw informazzjoni sabiex jiżguraw l-applikazzjoni kif suppost ta' din id-Direttiva. | L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri differenti għandhom jikkoperaw u, partikolarment, jiskambjaw informazzjoni sabiex jiżguraw l-applikazzjoni kif suppost ta' din id-Direttiva**, kemm bejniethom, kif ukoll ma' dawk il-banek ċentrali nazzjonali tas-SEBĊ.** |

*Ġustifikazzjoni – Ara l-paragrafu 4.8 ta' l-opinjoni*

Emenda 22

Artikolu 19, it-tieni paragrafu, punt (b)

| | |
|---|---|
| *(b)* banek ċentrali, *is-Sistema Ewropea tal-Bank Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, fil-kapaċità tagħhom bħala l-awtoritajiet monetarji,* u, fejn xieraq, awtoritajiet oħra pubbliċi responsabbli għas-superviżjoni ta' sistemi ta' ħlas u ftehim; | banek ċentrali **f'pajjiżi terzi** u, fejn jixraq, awtoritajiet oħra pubbliċi responsabbli għas-superviżjoni ta' sistemi ta' ħlas u ftehim; |

*Ġustifikazzjoni –Ara l-paragrafu 4.8 ta' l-opinjoni*

Emenda 23

Artikolu 23(1)

| | |
|---|---|
| L-Aċċess *u t-tħaddim ta'* sistemi ta' ħlas | L-Aċċess għal sistemi ta' ħlas |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li *r-regoli dwar l-aċċess u t-tħaddim ta' sistemi ta' ħlas għandhom ikunu oġġettivi u pproporzjonati u m'għandhomx jimpedixxu aċċess aktar milli huwa meħtieġ biex jipproteġu kontra riskji speċifiċi u biex jipproteġu s-sigurta` finanzjarja tas-sistema ta' ħlas.* | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw **li l-aċċess ta' istituzzjoni ta' ħlas għal sistema ta' ħlas m'għandux ikun:** |
| | (a) **ristrett fuq bażi diskriminatorja, bil-kundizzjoni li s-sigurta` finanzjarja u operattiva tas-sistema finanzjara tkun żgurata; u** |
| *Is-sistemi ta' ħlas ma jistgħux jimponu xi waħda mill-obbligi li ġejjin*: | (b) **ristrett** abbażi ta' l-istatus istituzzjonali; |
| (a) *projbizzjoni ta' parteċipazzjoni f'sistemi oħra ta' ħlas*; | |
| (b) *regola li tiddiskrimina bejn persuni awtorizzati li jagħtu servizz ta' ħlas fir-rigward tad-drittijiet, l-obbligi u l-jeddijiet tal-parteċipanti*; | |
| (ċ) *kwalunkwe restrizzjoni* abbażi ta' l-istatus istituzzjonali. | |

Ġustifikazzjoni – *Ara l-paragrafu 9.1 u 9.4 ta' l-opinjoni*

Emenda 24

Artikolu 23(2)

| | |
|---|---|
| 2. Il-paragrafu 1 *m'għandux jippreġudika l-obbligi imposti fuq il-parteċipanti f'sistema ta' ħlas u ta' ftehim ta' titoli mil-leġiżlazzjoni tal-Komunità u partikolarment mid-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*[29]**.** | 2. Il-paragrafu 1 **m'għandux japplika għal sistemi indikati skond** id-Direttiva 98/26/EC **u m'għandux jippreġudika l-kompetenzi tal-BĊE u tas-SEBĊ stabbiliti fl-Artikolu 105(2) tat-Trattat u fl-Artikolu 3.1 u l-l-Artikolu 22 ta' l-iStatut tas-SEBĊ, dwar l-aċċess għal sistemi ta' ħlas u l-għoti ta' sistemi ta' ħlas.** |

Ġustifikazzjoni – *Ara l-paragrafi 9.2 u 9.3 ta' l-opinjoni*

29 ĠU L 166, 11.6.1998, pġ. 45.

Emenda 25

Artikolu 41

| | |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tranżazzjoni ta' ħlas hija meqjusa awtorizzata biss jekk min iħallas, ikun qabel dwar l-ordni ta' ħlas rispettiva indirizzata lill-persuna li tagħti s-servizz ta' ħlas. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tranżazzjoni ta' ħlas hija meqjusa awtorizzata biss jekk min iħallas, ikun qabel dwar l-ordni ta' ħlas rispettiva indirizzata lill-persuna li tagħti s-servizz ta' ħlas. |
| Il-kunsens għandu jikkonsisti f'awtorizzazzjoni esplicita għall-persuna li tagħti s-servizz ta' ħlas biex din twettaq tranżazzjoni ta' ħlas jew serje ta' tranżazzjonijiet . | Il-kunsens għandu jikkonsisti f'awtorizzazzjoni esplicita għall-persuna li tagħti s-servizz ta' ħlas biex din twettaq tranżazzjoni ta' ħlas **speċifika** jew serje ta' tranżazzjonijiet **speċifiċi**. |
| Fin-nuqqas ta' dan il-kunsens, tranżazzjoni ta' ħlas m'għandhiex titqies awtorizzata. | **Il-kunsens jista' jiġi rtirat skond il-kundizzjonijiet kuntrattwali miftiehma bejn il-persuna li tagħti servizz ta' ħlas u min iħallas, imma mhux aktar minn dak il-mument fil-ħin ta' aċċettazzjoni ta' xi ordni ta' ħlas, jew dak il-mument fil-ħin meta ordni ta' ħlas issir irrevokabbli skond l-Artikoli 54 jew 56.** |
| Tranżazzjoni ta' ħlas tista' tiġi awtorizzata minn min iħallas qabel jew wara l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ta' ħlas. | Fin-nuqqas ta' dan il-kunsens, **jew jekk dan il-kunsens huwa rtirat validament,** tranżazzjoni ta' ħlas m'għandhiex titqies awtorizzata. |
| | Tranżazzjoni ta' ħlas tista' tiġi awtorizzata minn min iħallas qabel jew wara l-eżekuzzjoni tat-tranżazzjoni ta' ħlas. |

*Ġustifikazzjoni – Ara l- paragrafu 13.7 u 13.10 ta' l-opinjoni*

Emenda 26

Artikolu 53(1)

| | |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li min iħallas għandu jitlob ir-rimborż, mhux aktar tard minn *erba'* ġimgħat *minn meta jkun infurmat b'dik it-tranżazzjoni ta' ħlas partikolari mill-persuna li tagħti s-servizz ta' ħlas* […] | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li min iħallas għandu jitlob ir-rimborż, mhux aktar tard minn **sitt** ġimgħat **mid-data li fiha l-fondi huma ddebitati** […] |

*Ġustifikazzjoni – Ara l- paragrafu 13.9 ta' l-opinjoni*

Emenda 27

Artikolu 54(2)

| | |
|---|---|
| 1. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet mibdija elettronikament, il-persuna li tagħti servizz ta' ħlas għandha tinforma lill-utent ta' | 2. Fil-każ ta' tranżazzjonijiet mibdija elettronikament, il-persuna li tagħti servizz ta' ħlas għandha tinforma lill-utent ta' |

| | |
|---|---|
| servizz ta' ħlas dwar l-aċċettazzjoni ta' l-ordni għall-eżekuzzjoni. Hija għandha tagħmel dan mingħajr dewmien bla bżonn u, f'kwalunkwe każ, qabel it-tmiem tal-jum ta' xogħol li jkun imiss wara l-mument fil-ħin ta' aċċettazzjoni skond il-paragrafu 1. | servizz ta' ħlas dwar l-aċċettazzjoni ta' l-ordni għall-eżekuzzjoni. Hija għandha tagħmel dan mingħajr dewmien bla bżonn **wara l-irċevuta ta' l-ordni ta' ħlas** u, f'kwalunkwe każ, qabel it-tmiem tal-jum ta' xogħol li jkun imiss wara l-mument fil-ħin ta' aċċettazzjoni skond il-paragrafu 1 |

*Ġustifikazzjoni – Ara l- paragrafu 13.11 ta' l-opinjoni*

Emenda 28

Artikolu 65(1), l-ewwel subparagrafu

| | |
|---|---|
| (1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna li tagħti servizz ta' ħlas ta' min jitħallas tpoġġi fondi disponibbli lil min jitħallas *hekk kif dawk il-fondi jiġu kkreditati lill-kont ta' ħlas ta' min jitħallas.* | (1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna li tagħti servizz ta' ħlas ta' min jitħallas tpoġġi fondi disponibbli lil min jitħallas **immedjatament ladarba tkun irċeviethom.** |

*Ġustifikazzjoni – Ara l-paragrafu 13.12 ta' l-opinjoni*

Emenda 29

Artikolu 66(1)

| | |
|---|---|
| [...]Fejn l-IBAN *kien* speċifikat bħala l-*unique identifier*, huwa *għandu* jingħata preċedenza fuq l-isem ta' min jitħallas, *jekk* mogħti *addizzjonalment.* Madankollu, il-persuna li tagħti servizz ta' ħlas għandha, meta possibbli, tivverifika l-konsistenza ta' dak ta' *l-ewwel ma' ta' l-aħħar.* | [...]Fejn l-IBAN **huwa** speċifikat bħala l-*unique identifier*, huwa **għandu** jingħata preċedenza fuq **kwalunkwe *unique identifier* ieħor, inkluż** l-isem ta' min jitħallas, **jekk dan l-*identifier l-ieħor*** jingħata **flimkien ma' l-IBAN**. Madankollu, il-persuna li tagħti servizz ta' ħlas għandha, meta possibbli, tivverifika l-konsistenza tal-***unique identifiers*** **mogħtija.** |

*Ġustifikazzjoni – Ara l-paragrafu 13.13 ta' l-opinjoni*

Emenda 30

Artikolu 77(1)

| | |
|---|---|
| Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat tal-Ħlasijiet, minn issa 'il quddiem "il-Kumitat", kompost minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppreseduta minn rappreżentant tal-Kummissjoni. | Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat tal-Ħlasijiet, minn issa 'il quddiem "il-Kumitat", kompost minn rappreżentanti ta' l-Istati Membri **u osservaturi mill-BĊE,** u ppresedut minn rappreżentant tal-Kummissjoni. |

*Ġustifikazzjoni – Ara l-paragrafu 10 ta' l-opinjoni*

Emenda 31

Anness

ANNESS
<u>"SERVIZZI TA' ĦLAS " SKOND L-ARTIKOLU *2(1)*</u>

(1) Depożiti ta' flus kontanti f'kont ta' ħlas miżmum jew mill-persuna li tagħti servizz ta' ħlas ta' l-utent jew minn persuna oħra li tagħti servizz ta' ħlas kif ukoll l-operazzjonijiet kollha meħtieġa biex jitħaddem kont ta' ħlas.

(2) Ġbid ta' flus kontanti minn kont ta' ħlas miżmum jew mill-persuna li tagħti servizz ta' ħlas ta' l-utent jew minn persuna oħra li tagħti servizz ta' ħlas, kif ukoll l-operazzjonijiet kollha meħtieġa biex jitħaddem kont ta' ħlas.

(3) Eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas, inklużi trasferiment ta' fondi, meta l-fondi jinżammu bħala depożitu f'kont ta' ħlas mal-persuna li tagħti servizz ta' ħlas ta' l-utent jew ma' persuna oħra li tagħti servizz ta' ħlas:

– eżekuzzjoni ta' debiti diretti, inklużi debiti diretti ta' darba;

– eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' xi kard ta' ħlas jew mezz ieħor simili;

– eżekuzzjoni ta' trasferimenti ta' krediti, inklużi *standing orders*.

(4) Eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas meta l-fondi huma koperti minn linja ta' kreditu għal xi utent ta' servizz ta' ħlas kif stipulat fid-*Direttiva 98/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda* d-Direttiva 87/102/KEE għat-taqrib tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-kreditu tal-konsumatur u leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità applikabbli:

– eżekuzzjoni ta' debiti diretti, inklużi debiti diretti ta' darba;

– eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' xi kard ta' ħlas jew mezz ieħor simili;

ANNESS
<u>SERVIZZI TA' ĦLAS – SKOND L-ARTIKOLU **4**</u>

**1. L-istituzzjonijiet ta' kreditu fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2000/12/KE, inklużi l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi kif iddefiniti fl-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 2000/46/KE, jistgħu jipprovdu s-servizzi ta' ħlas li ġejjin:**

(i) Depożiti ta' flus kontanti f'kont ta' ħlas miżmum jew mill-persuna li tagħti servizz ta' ħlas ta' l-utent jew minn persuna oħra li tagħti servizz ta' ħlas kif ukoll l-operazzjonijiet kollha meħtieġa biex jitħaddem kont ta' ħlas.

(ii) Ġbid ta' flus kontanti minn kont ta' ħlas miżmum jew mill-persuna li tagħti servizz ta' ħlas ta' l-utent jew minn persuna oħra li tagħti servizz ta' ħlas, kif ukoll l-operazzjonijiet kollha meħtieġa biex jitħaddem kont ta' ħlas.

(iii) Eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas, inklużi trasferiment ta' fondi, meta l-fondi jinżammu bħala depożitu f'kont ta' ħlas mal-persuna li tagħti servizz ta' ħlas ta' l-utent jew ma' persuna oħra li tagħti servizz ta' ħlas:

– eżekuzzjoni ta' debiti diretti, inklużi debiti diretti ta' darba;

– eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' xi kard ta' ħlas jew mezz ieħor simili;

– eżekuzzjoni ta' trasferimenti ta' krediti, inklużi *standing orders*.

(iv) Eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas, inklużi trasferiment ta' fondi, meta l-flus elettroniċi **kif iddefiniti fl-Artikolu 1(3)(b) tad-**Direttiva 2000/46/KE jinħarġu mill-persuna li tagħti servizz ta' ħlas.

**2. L-istituzzjonijiet ta' kreditu fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2000/12/KE, minbarra l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi kif iddefiniti fl-Artikolu 1(3)(a)**

– eżekuzzjoni ta' trasferimenti ta' kreditu, inklużi *standing orders*.

(5) Il-ħruġ ta' kards ta' ħlas li jħallu lill-utent ta' servizz ta' ħlas jittrasferixxi xi fondi.

(6) Eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas, inklużi trasferiment ta' fondi, meta l-flus elettroniċi *fit-tifsira tad-*Direttiva 2000/*46*/KE jinħarġu mill-persuna li tagħti servizz ta' ħlas.

(7) Servizzi ta' bgħit ta' flus fejn *flus kontanti*, flus skritturali jew flus elettroniċi *huma* aċċettati mill-persuna li tagħti servizz ta' ħlas mill-utent ta' servizz ta' ħlas għall-iskop waħdieni li ssir tranżazzjoni ta' ħlas u jiġu ttrasferiti l-fondi lil min jitħallas.

*(8) Eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod bħal telefon mobbli, jew mezzi oħra diġitali jew IT, fejn min jagħti s-servizz ta' ħlas u li jopera s-sistema ta' telekomunikazzjoni jew IT jew network ikun qed jiffaċilita l-ħlas ta' oġġetti jew servizzi li mhumiex oġġetti diġitali jew servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi, u għalhekk mhumiex ipprovduti permezz ta' l-apparat innifsu.*

*(9) Eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod bħal telefon mobbli, jew mezzi oħra diġitali jew IT, fejn min jagħti s-servizz ta' ħlas u li jopera s-sistema ta' telekomunikazzjoni jew IT jew network sempliċiment jirranġa trasferiment ta' fondi għall-ħlas ta' oġġetti diġitali jew servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi pprovduti permezz ta' l-apparat, mingħajr kwalunkwe intervenzjoni oħra fis-servizz pprovdut.*

**tad-Direttiva 2000/46/KE, u l-istituzzjonijiet ta' ħlas jistgħu jipprovdu s-servizzi ta' ħlas li ġejjin:**

(i) Eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas meta l-fondi huma koperti minn linja ta' kreditu għal xi utent ta' servizz ta' ħlas kif stipulat fid-Direttiva **tal-Kunsill** 87/102/KEE **tat-22 ta' Diċembru, 1986**, għat-taqrib tal-liġijiet, tar-regolamenti u tad-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar il-kreditu tal-konsumatur[FN] u leġiżlazzjoni oħra tal-Komunità applikabbli:

– eżekuzzjoni ta' debiti diretti, inklużi debiti diretti ta' darba;

– eżekuzzjoni ta' tranżazzjonijiet ta' ħlas permezz ta' xi kard ta' ħlas jew mezz ieħor simili;

– eżekuzzjoni ta' trasferimenti ta' kreditu, inklużi *standing orders*.

**3. L-istituzzjonijiet ta' kreditu fit-tifsira ta' l-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2000/12/KE, inklużi l-istituzzjonijiet ta' flus elettroniċi kif iddefiniti fl-Artikolu 1(3)(a) tad-Direttiva 2000/46/KE, u l-istituzzjonijiet ta' ħlas jistgħu jipprovdu s-servizzi ta' ħlas li ġejjin:**

(i) Il-ħruġ ta' kards ta' ħlas li jħallu lill-utent ta' servizz ta' ħlas jittrasferixxi xi fondi.

(ii) Servizzi ta' bgħit ta' flus fejn **karti tal-flus u muniti**, flus skritturali jew flus elettroniċi huma aċċettati mill-persuna li tagħti servizz ta' ħlas mill-utent ta' servizz ta' ħlas għall-iskop waħdieni li ssir tranżazzjoni ta' ħlas u li jiġu ttrasferiti fondi lil min jitħallas.

*<u>Ġustifikazzjoni</u> – Ara l-paragrafi 6.2 u 11.3 ta' l-opinjoni*

---

FN ĠU L 42, 12.2.1987, pġ. 48. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 98/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 101. 1.4.1998, pġ. 17).